

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 333

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

12 ta' Diċembru 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1320/2013 tat-3 ta' Diċembru 2013 li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 385/2012 dwar il-prospett tal-biedja li għandu jintuża għall-iskop li jiġu ddeterminati l-introjti tal-azjendi agrikoli u li tiġi analizzata l-ħidma kummerċjali ta' tali azjendi** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati ⁽¹⁾** 54
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-ġhoti ta' aċċess bla dazju mingħajr limitu lill-Unjoni għall-2014 għal ċerti prodotti li joriġinaw min-Norveġja li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009** 68
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1323/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 70
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1324/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota 72

Prezz: EUR 4

(Ikompili fil-paġna li jmiss)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2013/744/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk għall-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija 73

2013/745/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija 75

2013/746/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2013 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill 77

2013/747/UE, Euratom:

- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lill-Renju Unit juża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (notifikata bid-dokument C(2013) 8685) 79

2013/748/UE, Euratom:

- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lill-Kroazja biex tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (notifikata bid-dokument C(2013) 8688) 80

2013/749/UE, Euratom:

- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lill-Portugall biex juża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (notifikata bid-dokument C(2013) 8689) 81

LINJI GWIDA

2013/750/UE:

- ★ Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Settembru 2013 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2012/27 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2013/37) 82

Rettifika

- ★ Rettifika tal-Ħdax il-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-ħtiġiet tal-iżvelar rigward il-friegħi miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpanniji rregolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor (ĠU L 395, 30.12.1989) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Volum 01) 83



II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1320/2013

tat-3 ta' Diċembru 2013

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 385/2012 dwar il-prospett tal-biedja li għandu jintuża għall-iskop li jiġu ddeterminati l-introjti tal-azjendi agrikoli u li tiġi analizzata l-ħidma kummerċjali ta' tali azjendi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(2), 8(3), 12 u 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 385/2012 ⁽²⁾ fi h għadd ta' żbalji fl-Anness tiegħu.
- (2) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 385/2012 għandu jiġi kkoreġut skont dan.

- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 385/2012 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tad-Dejta dwar il-Kontabbiltà Agrikola,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 385/2012 għandu jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 385/2012 tat-30 ta' April 2012 dwar il-prospett tal-biedja li għandu jintuża għall-iskop li jiġu ddeterminati l-introjti tal-azjendi agrikoli u li tiġi analizzata l-ħidma kummerċjali ta' tali azjendi (ĠU L 127, 15.5.2012, p. 1).

ANNEX

“ANNEX

IL-PROSPETT TAL-BIEDJA

I. IT-TAQSIM TAL-PROSPETT TAL-BIEDJA

Id-dejta li għandha tinġabar hija kklassifikata ftabelli u tinqasam fi gruppi, kategoriji, u kolonni. Il-konvenzjoni użata għar-riferiment għal taqsima ta' dejta speċifika hija: <ittra li tindika t-tabella>.<grupp>.<kategorija>[.<kategorija>] <kolonna>.

Il-valuri speċifiċi tad-dejta jinġabru fil-livell tal-kolonni. Fit-tabelli ppreżentati fit-Taqsima III, iċ-ċelloli mhux immarkati huma dawk fejn jistgħu jiddaħħlu valuri ta' dejta; iċ-ċelloli mmarkati bil-griż u s-simbolu “—” ma għandhomx tifsira fil-kuntest tal-grupp, u b'hekk ma tistax tiddaħħal dejta filhom.

Eżempji:

- B.UT.20.A (kolonna A tal-grupp UT, kategorija 20, mit-Tabella B) tirrappreżenta l-“Erja” tal-“Erja Agrikola Utilizzata (EAU) mikrija” li għandha titniżżel taħt l-“EAU għall-biedja mill-inkwilin” fit-tabella B.
- I.A.10110.1.0.TA (kolonna TA tal-grupp A, kategorija 10110, mit-Tabella I) tirrappreżenta l-erja totali tal-“Qamħ komuni u spelt” għat-tip ta' wiċċ tar-raba' I “Uċuħ tar-raba' tal-għalqa — uċuħ tar-raba' ewlenin, uċuħ tar-raba' kkombinati” u l-kodiċi tad-dejta nieqsa 0 “L-ebda dejta nieqsa”).

It-tabelli huma rrapreżentati b'ittra waħda, il-gruppi b'ittra waħda jew aktar, il-kategoriji b'kodiċi numeriċi u l-kolonni b'ittra waħda jew aktar.

Fit-Taqsima III, għat-tabelli mill-A sal-M, l-ewwel tabella turi l-matriċi ta' livell għoli għall-gruppi u l-kolonni. It-tieni tabella turi kif din tinqasam għall-kategoriji, fejn kull kategorija hija rrapreżentata b'kodiċi wieħed jew aktar u sottokodiċi wieħed jew aktar.

Għal kull kategorija ftabella u valur f'kolonna, jingħataw aktar definizzjonijiet u struzzjonijiet fit-Tabella III wara t-tabella partikolari.

II. DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI U STRUZZJONIJIET

- (a) Id-dejta fil-prospett tal-biedja għandha tirreferi għal azjenda agrikola waħda u għal sena ta' kontabbiltà waħda magħmula minn 12-il xahar konsekuttiv.
- (b) Id-dejta fil-prospett tal-biedja tirrigwarda esklussivament l-azjenda agrikola. Din id-dejta tirreferi għall-attivitajiet agrikoli tal-azjenda u għall-attivitajiet l-oħra bi skop ta' qligħ (OGA) direttament relatati mal-azjenda. Barra dawn l-attivitajiet, xejn relatat ma' attivitajiet mhux agrikoli tad-detentur jew ta' familju, jew ma' xi pensjoni, wirt, kontijiet bankarji privati, proprjetà mhux inkluża fl-azjenda agrikola, tassazzjoni personali, assigurazzjoni privata, eċċ., ma għandu jitqies fit-tħejija tal-prospett tal-biedja.
- (c) Id-dejta mogħtija fil-prospett tal-biedja għandha tittieħed minn kontijiet li jikkonsistu f'entrati li jkunu saru sistema-tikament u regolament matul is-sena ta' kontabbiltà.
- (d) Id-dejta tal-kontabbiltà għandha tiġi espressa f'termini monetarji mingħajr VAT.
- (e) Id-dejta tal-kontabbiltà mogħtija f'termini monetarji għandha tkun espressa mingħajr ma jitqiesu għotjiet u sussidji. Għotjiet u sussidji jfissru kull għamla ta' għajjnuna diretta minn fondi pubbliċi li jkunu rriżultaw friċevuta speċifika (ara d-deskrizzjoni fit-Tabella M “SUSSIDJI”).
- (f) Id-dejta fil-prospett tal-biedja għandha tingħata bl-unitajiet u l-gradji ta' preċiżjoni li ġejjin:

- Valuri finanzjarji: valuri f'ewro jew f'unitajiet tal-munita nazzjonali mingħajr punt deċimali. Madankollu, fil-każijiet ta' muniti nazzjonali fejn l-unità tirrappreżenta valur ta' riferiment baxx meta mqabbel mal-ewro, jista' jintlaħaq ftehim bejn l-aġenzija ta' kollegament tal-Istat Membru inkwistjoni u l-persunal tal-Kummissjoni li jmessi n-network tal-informazzjoni ta' kontabbiltà agrikola li l-valuri jkunu espressi b'halha mijiet jew eluf ta' unitajiet tal-munita nazzjonali,

- kwantitajiet fiżiċi: il-piż fi qnatar ($q = 100$ kg) ħliet fil-każ tal-bajd, li jiġi espress f'eluf, il-volum tal-likwidi f'ettolitri (inkluż l-inbid u prodotti relatati),
 - erja: f'diversi 100 metri kwadri, ħliet fil-każ tal-faqqieġh, li jiġi espress f'metri kwadri ta' erja totali bl-uċuħ tar-raba',
 - għadd medju ta' bhejjem: sa żewġ punti deċimali,
 - unitajiet ta' ħaddiema: sa żewġ punti deċimali.
- (g) Fil-każijiet fejn xi valur ta' azjenda partikolari ma jkunx rilevanti jew ikun nieqes, iddaħħalx il-valur "0".

III. TABELLI U DEFINIZZJONIJET U STRUZZJONIJET SPEĊIFIĊI

Tabella A.

Informazzjoni ġenerali dwar l-azjenda

Kategorija ta' informazzjoni ġenerali		Kodiċi (*)											
Grupp ta' informazzjoni		Kolonna											
		Diviżjoni	Subdiviżjoni	Numru tas-serje tal-azjenda	Gradi	Minuti	ĠWIEŻ	Numru tal-uffiċċju al-kontabbiltà	Data	Piż tal-azjenda	Tip ta' biedja	Klassi ta' daqs ekonomiku	Kodiċi
		R	S	H	DG	MI	N	AO	DT	W	TF	ES	C
ID	Identifikazzjoni tal-azjenda				—	—	—	—	—	—	—	—	—
LO	Post fejn tinsab l-azjenda	—	—	—				—	—	—	—	—	—
AI	Informazzjoni tal-kontabbiltà	—	—	—	—	—	—			—	—	—	
TY	Tipoloġija	—	—	—	—	—	—	—	—				—
CL	Klassijiet	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
OT	Detalji oħra tal-azjenda	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	R	S	H	DG	MI	N	AO	DT	W	TF	ES	C
10	Numru tal-azjenda	ID	AID10R	AID10S	AID10H	—	—	—	—	—	—	—	—	—
20	Latitudni	LO	—	—	—	ALO20DG	ALO20MI	—	—	—	—	—	—	—
30	Lonġitudni	LO	—	—	—	ALO30DG	ALO30MI	—	—	—	—	—	—	—
40	NUTS3	LO	—	—	—	—	—	ALO40N	—	—	—	—	—	—
50	Uffiċċju tal-kontabbiltà	AI	—	—	—	—	—	—	AAI50AO	—	—	—	—	—
60	Tip ta' kontabbiltà	AI	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	AAI60C

Kodi- ċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	R	S	H	DG	MI	N	AO	DT	W	TF	ES	C
70	Data tal-għeluq tal-kontijiet	AI	—	—	—	—	—	—	—	AAI70DT	—	—	—	—
80	Piż nazzjonali kkalkolat mill-Istat Membru	TY	—	—	—	—	—	—	—	—	ATY80W	—	—	—
90	Klassifika fil-ħin tal-għażla	TY	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ATY90TF	ATY90ES	—
100	Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (OGA) relatati direttament mal-azjenda	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL100C
110	Tip ta' sjieda/għan ekonomiku:	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL110C
120	Status legali	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL120C
130	Livell ta' responsabbiltà tad-detentur(i)	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL130C
140	Biedja organika	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL140C
141	Setturi fil-biedja organika	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	A.CL.141.C
150	Denominazzjoni protetta ta' orġini (DPO) / indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL150C
151	Setturi b'DPO/IĠP	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	A.CL.151.C
160	Żoni żvantaġġati	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL160C
170	Altitudni	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL170C
180	Żona ta' Fondi Strutturali	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL180C
190	Żona tan-Natura 2000	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL190C
200	Żona li għaliha tapplika id-Direttiva tal-Ilma (2000/60/KE)	CL	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL200C
210	Sistema ta' tisqija	OT	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	AOT210C
220	Ġranet ta' rigħi mill-unità ta' bhejjem f'artijiet komuni	OT	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	AOT220C

A.ID. Identifikazzjoni tal-azjenda

Meta tintgħażel għall-ewwel darba, kull azjenda tiġi assenjata numru. L-azjenda żżomm dan in-numru b'mod permanenti tul il-perjodu kollu tal-inklużjoni tagħha fin-netwerk tal-kontabbiltà. Ladarba numru jkun ġie assenjat qatt ma jiġi allokat lil azjenda oħra.

Madankollu, fil-każijiet fejn l-azjenda tgħaddi minn bidla fundamentali, u partikolarment meta din il-bidla tkun ir-riżultat ta' subdiviżjoni f'żewġ azjendi separati jew ta' fużjoni ma' azjenda oħra, hija tista' titqies bħala azjenda ġdida. F'dan il-każ għandu jiġi assenjat lilha numru ġdid. F'każ ta' bidla fit-tip ta' biedja prattikata fl-azjenda ma jkunx hemm b'żonn numru ġdid. Fil-każijiet fejn, mill-fatt li l-azjenda żżomm in-numru li jkollha (eż. meta jinħolqu subdiviżjonijiet reġjonali ġodda), tista' tinħoloq konfużjoni ma' kwalunkwe azjenda oħra li tibgħat il-prospett, in-numru għandu jinbidel. F'dawn il-każijiet għandha tintbagħat lill-Kummissjoni tabella li turi l-ekwivalenza tan-numri l-qodma u dawk ġodda.

In-numru tal-azjenda jinkludi tliet gruppi ta' indikazzjonijiet kif ġej:

A.ID.10.R. *Diviżjoni*: għandu jingħata numru ta' kodiċi li jikkorrispondi għall-kodiċi stabbilit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1291/2009 ⁽¹⁾.

A.ID.10.S. *Subdiviżjoni*: għandu jingħata numru ta' kodiċi.

Is-subdiviżjonijiet magħżula għandhom ikunu bbażati fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni msejħa klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), stabbilita mill-Eurostat b'kooperazzjoni mal-istituti nazzjonali għall-istatistika.

Fkull każ, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jibgħat lill-Kummissjoni tabella li tindika, għal kull kodiċi ta' subdiviżjoni użat, ir-reġjuni NUTS korrispondenti kif ukoll ir-reġjun korrispondenti li għalih huma kkalkulati valuri speċifiċi ta' produzzjoni standard.

A.ID.10.H. *Numru tas-serje tal-azjenda*.

A.I.O. Post fejn tinsab l-azjenda

Il-post fejn tinsab l-azjenda jingħata b'żewġ indikazzjonijiet: il-georeferenza (latitudni u lonġitudni) u l-kodiċi tal-unitajiet territorjali tal-livell 3 tan-NUTS.

A.I.O.20. *Latitudni*: gradi u minuti (f'ark ta' 5 minuti jew inqas), kolonni DG u MI.

A.I.O.30. *Lonġitudni*: gradi u minuti (f'ark ta' 5 minuti jew inqas), kolonni DG u MI.

Ir-regoli ta' implimentazzjoni biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tad-dejta u l-linji gwida prattiċi se jiġu speċifikati fid-dokument ta' struzzjoni.

A.I.O.40.N. Il-kodiċi tan-NUTS3 jfisser il-kodiċi tal-unità territorjali tal-livell NUTS3 fejn tinsab l-azjenda. Għandha tingħata l-aħħar verżjoni tal-kodiċi kif deskritta fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

A.A.I. Informazzjoni tal-kontabbiltà

A.A.I.50.AO. *Numru tal-uffiċċju tal-kontabbiltà*: għandu jingħata numru ta' kodiċi.

Fkull Stat Membru għandu jiġi allokat numru uniku lil kull uffiċċju tal-kontabbiltà. Għandu jingħata n-numru tal-uffiċċju tal-kontabbiltà li jkun ħa' ħsieb l-azjenda għal dik is-sena ta' kontabbiltà partikolari.

A.A.I.60.C. *Tip ta' kontabbiltà*: għandha tingħata indikazzjoni dwar it-tip ta' kontabbiltà miżmuma mill-azjenda. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. Kontabbiltà b'entrata doppja

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1291/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009 li jikkonċerna l-għażlatal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet bl-iskop li jiddeterminaw l-introjt ta-azjendi agrikoli (ĠU L 347, 24.12.2009, p. 14).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

2. Kontabbiltà b'entrata unika.

3. L-ebda.

A.AI.70.DT. *Data tal-għeluq tal-kontijiet* għandha titniżżel fil-format "SSSS-XX-ĠĠ", pereżempju 2009-06-30 jew 2009-12-31.

A.TY. Tipoloġija

A.TY.80.W. *Piż nazzjonali tal-azjenda*: Għandu jingħata l-valur tal-fattur tal-estrapolazzjoni kkalkolat mill-Istat Membru. Il-valuri għandhom ikunu espressi b'żewġ punti deċimali.

A.TY.90.TF. *Tip ta' biedja fil-ħin tal-għażla*: Kodiċi tat-tip ta' biedja tal-azjenda skont l-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008 ⁽¹⁾ fil-ħin tal-għażla għas-sena ta' kontabbiltà inkwistjoni.

A.TY.90.ES. *Daqs ekonomiku fil-ħin tal-għażla*: Kodiċi tal-klassi ta' daqs ekonomiku tal-azjenda skont l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1242/2008 fil-ħin tal-għażla għas-sena ta' kontabbiltà inkwistjoni.

A.CL. Klassijiet

A.CL.100.C. *Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda*: għandhom jingħataw bħala medda ta' perċentwali li tindika kemm mid-dħul ⁽²⁾ ġej mill-attivitajiet l-oħrajn bi qligħ relatati direttament mal-azjenda fid-dħul totali tal-azjenda. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. ≥ 0 sa ≤ 10 %
2. > 10 % sa ≤ 50 %
3. > 50 % sa < 100 %

A.CL.110.C. *Tip ta' sjieda/għan ekonomiku*: għandha tingħata indikazzjoni dwar is-sjieda u l-għanijiet ekonomiċi tal-azjenda. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. razzett tal-familja: l-azjenda tuża x-xogħol u l-kapital tad-detentur/maniġer u l-familja tiegħu/tagħha, u dawn huma l-benefiċjarji tal-attività ekonomika.
2. sħubija: il-fatturi ta' produzzjoni tal-azjenda qed jiġu pprovduti minn bosta sħab, fejn uħud minnhom jaħdmu fl-azjenda mingħajr ma jitħallsu. Il-benefiċċji jmorru għand is-sħubija.
3. kumpanija bi skop ta' qligħ: il-benefiċċji jintużaw biex jitħallsu l-azzjonisti permezz ta' dividend/profitt. L-azjenda hija proprjetà tal-kumpanija.
4. kumpanija mingħajr skop ta' qligħ: il-benefiċċji jintużaw primarjament biex jinżammu l-impjegji jew għal oġettivi soċjali simili. L-azjenda hija proprjetà tal-kumpanija.

A.CL.120.C. *Status legali*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda hijiex persuna legali jew le. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0. Falz.
1. Veru.

A.CL.130.C. *Livell ta' responsabbiltà tad-detentur(i)* għandha tingħata indikazzjoni dwar il-livell ta' responsabbiltà (responsabbiltà ekonomika) tad-detentur (ewlieni). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. Sħiħ
2. Parzjali

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 3).

⁽²⁾ ANNESS III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008

A.CL.140.C. *Biedja organika*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda tapplikax metodi ta' produzzjoni organika, skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007, b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tiegħu. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. l-azjenda ma tapplikax metodi ta' produzzjoni organika.
2. l-azjenda tapplika metodi ta' produzzjoni organika biss għall-prodotti kollha tagħha.
3. l-azjenda tapplika metodi ta' produzzjoni organika u oħrajn.
4. l-azjenda qiegħda taqleb għall-metodi ta' produzzjoni organika.

A.CL.141.C. *Setturi fil-biedja organika*: fil-każijiet fejn l-azjenda tapplika kemm metodi ta' produzzjoni organika kif ukoll oħrajn, għandha tingħata indikazzjoni tas-setturi ta' produzzjoni fejn l-azjenda tapplika metodi ta' produzzjoni organika biss (jistgħu jiġu magħżula iktar minn settur wieħed). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi elenkati hawn taħt. Fil-każijiet fejn l-azjenda tapplika kemm metodi ta' produzzjoni organika kif ukoll oħrajn għas-setturi ta' produzzjoni kollha tagħha, għandu jintuża l-kodiċi "mhux applikabbli".

0. mhux applikabbli:
31. ċereali
32. żrieragħ żejtnin u wċuħ li jitkabbru għall-proteini
33. frott u ħaxix (inkluż il-frott taċ-ċitru, iżda mhux iż-żebbuġ)
34. żebbuġ
35. dwieli
36. laħam taċ-ċanga
37. ħalib tal-baqar
38. laħam tal-majjal
39. nagħaġ u mogħoż (ħalib u laħam)
40. laħam tat-tjur
41. bajd
42. settur ieħor

A.CL.150.C. *Denominazzjoni Protetta ta' Oriġini/Indikazzjoni Ġeografika Protetta*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda hijiex qed tipproduċi prodotti agrikoli u/jew tal-ikel protetti minn Denominazzjoni Protetta ta' Oriġini (DPO) jew minn Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) jew jekk hijiex tipproduċi prodotti agrikoli magħrufa għall-użu tagħhom għall-produzzjoni ta' ikel protett minn DPO/IĠP, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. l-azjenda *mhi* qed tipproduċi l-ebda prodott jew ikel protett minn DPO jew IĠP u l-ebda prodott magħruf għall-użu tiegħu għall-produzzjoni ta' ikel protett minn DPO jew IĠP.
2. l-azjenda tipproduċi *biss* prodotti jew ikel protetti minn DPO jew IĠP jew prodotti magħrufa għall-użu tagħhom għall-produzzjoni ta' ikel protett minn DPO jew IĠP.
3. l-azjenda tipproduċi *xi* prodotti jew ikel protetti minn DPO jew IĠP jew prodotti magħrufa għall-użu tagħhom għall-produzzjoni ta' ikel protett minn DPO jew IĠP.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12).

A.CL.151.C. *Setturi b'Denominazzjoni Protetta ta' Oriġini/Indikazzjoni Ġeografika Protetta*: jekk il-parti l-kbira tal-produzzjoni ta' xi setturi speċifiċi tikkonsisti fi prodotti jew ikel protetti minn DPO jew IĠP jew fi prodotti magħrufa għall-użu tagħhom għall-produzzjoni ta' ikel protett minn DPO jew IĠP, għandha tingħata indikazzjoni tas-setturi ta' produzzjoni (jistgħu jintgħażlu bosta setturi). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi elenkati hawn taħt. Fil-każijiet fejn l-azjenda tipproduċi xi prodotti jew ikel protetti minn DPO jew IĠP jew prodotti magħrufa għall-użu tagħhom għall-produzzjoni ta' ikel protett minn DPO jew IĠP, iżda dawn ma jikkonċernawx il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni f'kull settur, għandu jintuża l-kodiċi "mhux applikabbli".

0. mhux applikabbli:
31. ċereali
32. żrieragħ żejtnin u wċuħ li jtkabbru għall-proteini
33. frott u ħaxix (inkluż il-frott taċ-ċitru, iżda mhux iż-żebbuġ)
34. żebbuġ
35. dwieli
36. laħam taċ-ċanga
37. ħalib tal-baqar
38. laħam tal-majjal
39. nagħaġ u mogħoż (ħalib u laħam)
40. laħam tat-tjur
41. bajd
42. settur ieħor

Il-partiti A.CL.150.C *Denominazzjoni Protetta ta' Oriġini/Indikazzjoni Ġeografika Protetta* u A.CL.151.C mhumiex obbligatorji għall-Istati Membri. Jekk ikunu applikati mill-Istat Membru, din l-informazzjoni għandha timtela għall-irziezet kollha, ta' dan l-Istat Membru, li ttieħdu bħala kampjun. Jekk tkun applikata A.CL.150.C, għandha tkun applikata ukoll A.CL.151.C.

A.CL.160.C. *Żona żvantaġġata*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk il-parti l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsabx f'żona koperta mill-Artikoli 18 sa 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ⁽¹⁾. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda ma tinsabx f'żona żvantaġġata, skont it-tifsira fl-Artikoli 18 sa 20 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999;
2. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona żvantaġġata, skont it-tifsira fl-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999;
3. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona muntanjuża, skont it-tifsira fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999;
4. iż-żoni tant huma żgħar u numerużi f'dawn l-Istati Membri li l-informazzjoni mhijiex sinifikanti.

A.CL.170.C. *Altitudni*: l-altitudni għandha tkun indikata bin-numru ta' kodiċi korrispondenti:

1. il-biċċa l-kbira tal-azjenda tinsab f'altitudni ta' inqas minn 300 m;
2. il-biċċa l-kbira tal-azjenda tinsab f'altitudni ta' bejn it-300 u s-600 m;
3. il-biċċa l-kbira tal-azjenda tinsab f'altitudni li taqbeż is-600 m;
4. dejta mhux disponibbli.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

A.CL.180.C. *Żona ta' Fondi Strutturali*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk il-il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona koperta mill-Artikoli 5, 6, jew 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ⁽¹⁾. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona suġġetta għal Objettiv ta' Konverġenza, skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u b'mod partikolari skont l-Artikolu 5 tiegħu;
2. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona suġġetta għal Objettiv ta' Kompetittività Reġjonali u Impjiegi, kif imfisser fir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u b'mod partikolari fl-Artikolu 6 tiegħu;
3. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona eliġibbli għas-sostenn tranżizzjonali, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

A.CL.190.C. *Żona Natura 2000*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żoni relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE ⁽²⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ⁽³⁾ (Natura 2000). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda *ma* tinsab f'żona eliġibbli għal pagamenti tan-Natura 2000.
2. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda *tinsab* f'żona eliġibbli għal pagamenti tan-Natura 2000.

A.CL.200.C. *Żona li għaliha tapplika id-Direttiva tal-Ilma (2000/60/KE)*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk il-parti l-kbira taż-żona agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żoni relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda *ma* tinsab f'żona eliġibbli għal pagamenti relatati mad-Direttiva 2000/60/KE.
2. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona eliġibbli għal pagamenti relatati mad-Direttiva 2000/60/KE.

A.OT. Dettalji oħra rigward l-azjenda

A.OT.210.C. *Sistema ta' tisqija*: għandha tingħata indikazzjoni dwar is-sistema ta' tisqija ewlenija applikata fir-razzett:

0. mhix applikabbli (meta ma jkunx hemm tisqija fir-razzett)
1. mal-wiċċ
2. bit-tbexxix
3. bit-taqtir
4. oħra

A.OT.220.C. *Ġranet ta' riġhi mill-unità ta' bhejjem fartijiet komuni*: Għadd ta' ġranet li fihom unità ta' bhejjem mir-razzett tirgħa fart komuni użata mill-azjenda.

IL-KOLONNI FIT-TABELLA A

Il-kolonna R tirreferi għad-diviżjoni, il-kolonna S għas-subdiviżjoni, il-kolonna H għan-numru tas-serje tal-azjenda, il-kolonna DG għall-gradi, il-kolonna MI għall-minuti, il-kolonna N għan-NUTS, il-kolonna AO għan-numru tal-uffiċċju tal-kontabbiltà, il-kolonna DT għad-data, il-kolonna W għall-piż tar-razzett, il-kolonna TF għat-tip ta' biedja, il-kolonna ES għall-klassi ta' daqs ekonomiku, u l-kolonna C għall-kodiċi.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

Tabella B.

Tip ta' okkupazzjoni

Kategorija ta' Erja agrikola użata (EAU)		Kodiċi (*)	
Grupp ta' informazzjoni		Erja Agrikola Utilizzata	
		A	
UO	EAU għall-biedja mis-sid		
UT	EAU għall-biedja mill-inkwilin		
US	EAU għall-biedja bi tqassim jew modi oħrajn		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Grupp	A
10	EAU għall-biedja mis-sid	UO	
20	EAU mikrija	UT	
30	Sharecropped UAA	US	

Artijiet ta' azjendi miżmuma b'mod konġunt minn żewġ sħab jew aktar għandhom jiġu rreġistrati bħala okkupati mis-sid, mikrija jew maħduma bi tqassim, skont l-arranġament fis-seħħ bejn is-sħab.

l-Erja Agrikola Utilizzata (EAU) hija l-erja totali okkupata minn art li tista' tinħarat, mergħa u mergħa permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna domestiċi, użata mill-azjenda, irrispettivament mit-tip ta' dritt fuq il-proprjetà. Mhumiex inklużi l-artijiet komuni użati mill-azjenda.

Għandhom jintużaw il-gruppi ta' informazzjoni u ta' kategoriji li ġejjin:

B.UO. EAU għall-biedja mis-sid

B.UO.10.A Erja agrikola utilizzata (art li tista' tinħarat, mergħa permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna domestiċi) li l-bidwi huwa l-proprjetarju tagħhom, inkwilin għal għomru jew detentur tal-kirja u/jew EAU taħt kundizzjonijiet simili. Tinkludi art mikrija lil oħrajn lesta biex tinżera' (kodiċi tal-uċuħ 11300).

B.UT. EAU għall-biedja mill-inkwilin

B.UT.20.A Erja agrikola utilizzata (art li tista' tinħarat, mergħa permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna domestiċi) li tinħadem minn persuna li mhix is-sid, inkwilin għal għomru jew detentur tal-kirja u li l-erja msemmija hija mikrija lilu (il-kera għandha titħallas fi flus u/jew *in natura*; ġeneralment tiġi stabbilita bil-quddiem u normalment ma tvarjax skont ir-riżultati tal-biedja) u/jew erja agrikola utilizzata taħt kundizzjonijiet simili ta' dritt fuq il-proprjetà.

L-erja mikrija ma tinkludix art li l-ħsad tagħha jinxtara bħala wiċċ tar-raba' wieqaf. Is-somom imħallsa għax-xiri tal-uċuħ tar-raba' wieqfa għandhom jingħataw fit-Tabella H taħt il-kodiċijiet mill-2020 sal-2040 (għalf mixtri) fil-każ tal-mergħa jew tal-uċuħ tar-raba' li jintużaw bħala għalf tal-annimali u taħt il-kodiċi 3090 (spejjeż speċifiċi oħrajn marbuta mal-uċuħ tar-raba') fil-każ tal-uċuħ tar-raba' li jstgħu jitqiegħdu fis-suq (prodotti li s-soltu jitqiegħdu fis-suq). L-uċuħ tar-raba' li jstgħu jitqiegħdu fis-suq u jinxtaw wieqfa għandhom jingħataw mingħajr ma tiġi speċifikata l-erja inkwistjoni (Tabella H).

Art mikrija għal inqas minn sena fuq bażi okkażjonali, u l-produzzjoni tagħha, hija ttrattata b' mod simili għal art li l-ħsad tagħha jinxtara bħala wiċċ tar-raba' wieqaf.

B.US. EAU għall-biedja bi tqassim jew modi oħrajn

B.US.30.A Erja agrikola utilizzata (art li tista' tinħarat, mergħa u mergħa permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna domestiċi) li tinħadem b'mod konġunt minn min jaġhti l-konċessjoni u minn min jaqsam l-uċuħ tar-raba' abbażi ta' fehim ta' qsim tal-uċuħ tar-raba' u/jew erja agrikola utilizzata maħduma b'kundizzjonijiet simili.

KOLONNI FIT-TABELLA B

Il-kolonna A tirreferi għall-EAU.

Tabella C.

Ħaddiema

Kategorija ta' ħaddiema		Kodiċi (*)		Kolonna					
Grupp ta' informazzjoni		Ġenerali				Total tax-xogħol fl-azjenda (xogħol agrikolu u xogħol għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (OGA) direttament relatati mal-azjenda)		Porzjon mix-xogħol għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda	
		Għadd ta' persuni	Sess	Sena tat-twelid	Taħriġ agrikolu tal-maniġer	Ħin maħdum fis-sena	Għadd ta' unitajiet annwali ta' xogħol (AWU)	% tal-ħin maħdum fis-sena	% tal-AWU
		P	G	B	T	Y1	W1	Y2	W2
		Numru Shih	Daħħal kodiċi	Erba' ċifri	Daħħal kodiċi	(siġhat)	(AWU)	%	%
UR	Bla hłas, regolari								
UC	Bla hłas, każwali	—	—	—	—		—		—
PR	Bi hłas, regolari								
PC	Bi hłas, każwali	—	—	—	—		—		—

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	P	G	B	T	Y1	W1	Y2	W2
10	Detentur/maniġer	UR	—						—	
20	Detentur/mhux maniġer	UR	—			—			—	
30	Maniġer/mhux detentur	UR	—						—	
40	Konjuġi tad-detentur	UR		—	—	—				
50	Oħrajn	UR, PR		—	—	—				
60	Każwali	UC, PC	—	—	—	—		—		—
70	Maniġer	PR	—						—	

B'ħaddiema wieħed jifhem il-persuni kollha involuti fil-ħidma fir-razzett matul is-sena ta' kontabbiltà (ara aktar 'il quddiem). Madankollu, mhumiex inklużi l-persuni li jkunu wettqu dan ix-xogħol fisem persuna jew impriża oħra (kuntratt ta' xogħol agrikolu, li l-ispejjeż tagħhom jidhru fit-Tabella H taħt il-kodiċi 1020).

Fil-każ ta' assistenza reċiproka bejn l-azjendi, fejn din l-assistenza tikkonsisti fi skambju ta' xogħol, u l-assistenza rċevuta hija bi prinċipju ekwivalenti għall-assistenza mogħtija, il-ħin maħdum mill-ħaddiema tal-azjenda u kwalunkwe pagi relatati huma speċifikati fil-prospett tal-biedja.

Xi kultant l-assistenza rċevuta tiġi kkompensata b'assenza ta' xorta oħra (pereżempju għajjuna f'għamla ta' xogħol tista' tiġi kkompensata bil-provvista ta' makkinarju). Meta l-iskambju ta' servizzi ikun fuq skala limitata, xejn ma għandu jiġi indikat fuq il-prospett (fl-eżempju ta' hawn fuq, l-għajjuna rċevuta ma tintweriex taħt it-taqsim "ħaddiema"; l-ispejjeż ta' makkinarju, madankollu, jinkludu l-ispejjeż talli wieħed iqiegħed il-makkinarju għad-dispożizzjoni ta' ħaddieħor). F'każijiet eċċezzjonali meta l-iskambju ta' servizzi jkun fuq skala kbira, il-proċedura hija waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) assistenza rċevuta f'għamla ta' xogħol tiġi kkompensata b'servizz ta' xorta oħra (pereżempju l-provvista ta' makkinarju): il-ħin ta' xogħol li wieħed jagħmel għandu jiġi rreġistrat bħala xogħol imħallas frazzett (gruppi PR jew PC, skont jekk il-ħaddiema humiex impjegati fir-razzett fuq bażi regolari jew le); il-valur tal-assistenza mogħtija għandu jtniżżel kemm bħala produzzjoni taħt il-kategorija korrispondenti f'tabelli oħra (f'dan l-eżempju, Tabella L, kategorija 2010 "Xogħol b'kuntratt") kif ukoll bħala spiża (tabella H kategorija 1010 "Pagi u sigurtà soċjali");
- (b) assistenza mogħtija f'għamla ta' xogħol hija kkompensata minn servizzi ta' xorta oħra (pereżempju l-provvista ta' makkinarju): f'din is-sitwazzjoni l-ħin ta' xogħol ipprovdut u kwalunkwe pagi relatati ma għandhomx jitqiesu; il-valur tas-servizz li jirċievu jiġi rreġistrat bħala input taħt il-grupp korrispondenti f'tabella oħra (f'dan l-eżempju, Tabella H, grupp 1020 "Xogħol b'kuntratti u kiri ta' makkinarju").

Għandha ssir distinzjoni bejn il-gruppi ta' informazzjoni u l-kategoriji ta' ħaddiema li ġejjin:

C.UR. **Ħaddiema regolari mhux imħallsa**

Il-ħaddiema mhux imħallsa jew li jirċievu inqas rimunerazzjoni (fi flus jew *in natura*) mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi pprovduti (tali ħlas ma għandux jidher fl-ispejjeż tar-razzett) u li matul is-sena ta' kontabbiltà jkunu pparteċipaw, mill-inqas, għal għurnata sħiħa fil-ġimgħa (esklużi vaganzi normali).

Madankollu, persuna impjegata regolarment li, però, għal raġunijiet partikolari, tkun ġiet impjegata fir-razzett għal perjodu limitat biss fis-sena ta' kontabbiltà għandha tiġi rreġistrata madankollu (għall-għadd ta' sghat maħduma fir-realtà) bħala ħaddiem(a) regolari.

Jistgħu jinqalgħu l-każijiet li ġejjin jew oħrajn simili:

- (a) kundizzjonijiet speċjali ta' produzzjoni fir-razzett li minħabba fihom ma jeħtieġux b'żonn ta' ħaddiema tul is-sena kollha: pereżempju azjendi taż-żebbuġ jew tal-għeneb u rziezet speċjalizzati fit-tismin staġonali ta' annimali jew fil-produzzjoni ta' frott u haix fil-beraħ;
- (b) assenja mix-xogħol għajr dik minħabba vaganzi normali, pereżempju servizz militari, mard, inċidenti, maternità, liv estiż eċċ.;
- (c) li wieħed jibda, jew jieqaf, jaħdem mal-azjenda;
- (d) waqfien totali tax-xogħol fl-azjenda minħabba kawżi aċċidentali (għargħar, nar, eċċ.).

Hemm il-kategoriji li ġejjin:

C.UR.10. **Detentur/maniġer**

Persuna li tassumi responsabbiltà ekonomika u legali għall-azjenda u tiegħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum. Fil-każ ta' arranġamenti ta' qsim ta' uċuħ tar-raba', min jaqşam l-uċuħ tar-raba' huwa indikat bħala *detentur/manager*.

C.UR.20. **Detentur/mhux maniġer**

Persuna li tassumi responsabbiltà ekonomika u legali għall-azjenda mingħajr ma tiegħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum.

C.UR.30 Maniġer/mhux detentur

Persuna li tiegħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum tal-azjenda mingħajr ma tassumi responsabbiltà ekonomika u legali għaliha.

C.UR.40. Konjuġi tad-detentur(i)**C.UR.50. Ħaddiema regolari oħra mhux imħallsa**

Il-ħaddiema mhux imħallsa li mhumiex inklużi fil-kategoriji ta' qabel jinkludu wkoll lill-formen u lis-submaniġers mhux responsabbli għat-tmexxija tar-razzett kollu.

C.UC. Ħaddiema każwali mhux imħallsa

C.UC.60. Il-ħaddiema mhux imħallsa li ma jkunux ħadmu mal-azjenda b'mod regolari matul is-sena ta' kontabbiltà jiddaħħlu f'din il-kategorija.

C.PR. Ħaddiema regolari mħallsa

Ħaddiema mħallsa (fi flus u/jew *in natura*) fuq l-iskala normali għas-servizzi pprovduti u li waqt is-sena ta' kontabbiltà (esklużi vaganzi normali) ikunu ħadmu għall-azjenda għal mill-inqas ġurnata sħiħa fil-ġimgħa.

Għandhom jidhru l-kategoriji li ġejjin:

C.PR.70. Maniġer tar-razzett

Persuna b'salarju li tkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-azjenda.

C.PR.50. Oħrajn

Il-ħaddiema regolari mħallsa kollha (bl-eċċezzjoni tal-maniġer b'salarju tal-azjenda) għandhom jiddaħħlu f'dan il-grupp. Jinkludi wkoll lill-formen u lis-submaniġers mhux responsabbli għat-tmexxija tar-razzett kollu.

C.PC. Ħaddiema okkażjonali mħallsa

C.PC.60. Il-ħaddiema mħallsa li ma jkunux ħadmu b'mod regolari mal-azjenda matul is-sena ta' kontabbiltà (inklużi ħaddiema parzjali) jiddaħħlu f'din il-kategorija.

KOLONNI FIT-TABELLA C**Għadd ta' persuni (kolonna P)**

Fejn hemm aktar detenturi, jista' jkun hemm aktar konjuġi. L-għadd ta' konjuġi u l-għadd ta' persuni għandu jkun indikat fil-kategoriji fejn jistgħu jidhru (kategoriji 40 u 50 mill-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema regolari mħallsa" PR).

Sess (kolonna G)

Is-sess għandu jiġi stabbilit biss għad-detentur(i) u/jew il-maniġer(s) fil-kategoriji fejn jistgħu jidhru (kategoriji mill-10 sat-30 u 70 mill-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema mħallsa regolari" PR). Is-sess għandu jkun indikat b'numru ta' kodiċi, jiġifieri:

1. raġel,
2. mara.

Sena tat-twelid (kolonna B)

Is-sena tat-twelid għandha tingħata biss għad-detentur(i) u/jew il-maniġer(s) (kategoriji mill-10 sat-30 u 70 mill-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema mħallsa regolari" PR) bl-użu tal-erba' ċifri tas-sena tat-twelid.

Taħriġ agrikolu tal-maniġer (kolonna T)

It-taħriġ agrikolu għandu jingħata biss lill-maniġer(s) (kategoriji 10, 30 u 70 mill-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema mħallsa regolari" PR). It-taħriġ agrikolu huwa indikat b'numru ta' kodiċi, jiġifieri:

1. esperjenza agrikola Prattika biss,

2. taħriġ agrikolu bażiku,

3. taħriġ agrikolu sħiħ.

Ħin maħdum fis-sena (kolonna Y1)

Il-ħin maħdum għandu jiġi indikat f'sigħat għall-gruppi u l-kategoriji kollha. Għandu jirreferi għall-ħin attwalment iddedikat għall-ħidma fl-azjenda. Fil-każijiet ta' ħaddiema b'inqas ħila, il-ħin maħdum għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali mal-kapaċitajiet tagħhom. Il-ħin maħdum minn ħaddiema li jaħdmu bl-imqietgħa huwa stmat billi l-ammont totali mħallas għax-xogħol jiġi diviż bil-paga fis-siegħa ta' ħaddiem impjegat bis-siegħa.

Total tal-ħaddiema: għadd ta' unitajiet annwali (kolonna W1)

Il-ħaddiema impjegati b'mod regolari jinbidlu f'unitajiet annwali ta' xogħol. L-għadd ta' unitajiet annwali ta' xogħol ma jiġix irreġistrat għall-ħaddiema każwali (kemm dawk mhux imħallsa (UC) kif ukoll dawk imħallsa (PC)). Unità waħda annwali ta' xogħol hija ekwivalenti għal persuna waħda li taħdem il-ħin kollu mal-azjenda. Persuna waħda ma tistax taqbeż l-ekwivalent ta' unità waħda ta' xogħol, anki jekk il-ħin ta' xogħol attwali tagħha fir-realtà jaqbeż l-istandard għar-reġjun u t-tip ta' azjenda. Persuna li ma taħdimx tul is-sena kollha mal-azjenda tippreżenta frazzjoni ta' "unità annwali". L-"unità annwali ta' xogħol" ta' kull waħda minn dawn il-persuni tinstab billi wieħed jiddividi l-ħin attwali ta' xogħol fis-sena bil-ħin normali ta' xogħol fis-sena ta' ħaddiem full-time fir-reġjun li qiegħed jitqies u fl-istess tip ta' azjenda.

Fil-każijiet ta' ħaddiema b'inqas ħila, l-ekwivalent ta' unitajiet ta' xogħol annwali għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat mal-kapaċitajiet tagħhom.

Sehem tax-xogħol għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda bħala perċentwali tal-ħin maħdum fis-sena (kolonna Y2)

Is-sehem tax-xogħol iddedikat għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ espress bħala ħin maħdum huwa obbligatorju biss fil-każ tal-ħaddiema każwali (kemm dawk mhux imħallsa kif ukoll dawk imħallsa). Jista' jingħata b'mod volontarju għall-konjuġi tad-detenturi, il-ħaddiema l-oħra regolari mhux imħallsa, u l-ħaddiema l-oħra regolari mħallsa. Għal kull kategorija kkonċernata (40, 50, 60), dan jingħata bħala perċentwali tas-sigħat maħduma matul is-sena tal-kontabbiltà.

Sehem tax-xogħol għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda bħala perċentwali tal-unitajiet annwali ta' xogħol (kolonna W2)

Is-sehem tax-xogħol iddedikat għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ espress bħala unitajiet annwali ta' xogħol huwa obbligatorju għall-kategoriji kollha ta' ħaddiema barra l-ħaddiema każwali (kemm dawk mhux imħallsa (UC) kif ukoll dawk imħallsa (PC)). Jingħata bħala perċentwali tal-unitajiet annwali ta' xogħol għal kull kategorija.

Xogħol f'azjenda agrikola

Ix-xogħol f'azjenda jinkludi kull xogħol ta' organizzazzjoni, sorveljanza u eżekuzzjoni, kemm manwali kif ukoll amministrattiv, li jsir b'rabta max-xogħol agrikolu fir-razzett u x-xogħol relatat mal-attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda:

- Xogħol agrikolu fir-razzett
 - organizzazzjoni u ġestjoni finanzjarja (bejgħ u xiri mir-razzett, żamma tal-kotba eċċ.),
 - xogħol fl-għelieqi (ħrit, żriġ, hśad, manutenzjoni tas-siġar tal-frott eċċ.),
 - tgħammir tal-annimali (tħejjija tal-għalf, tmigħ tal-annimali, ħlib, kura tal-annimali, eċċ.),
 - tħejjija ta' prodotti għas-suq, ħżin, bejgħ dirett ta' prodotti tar-razzett, ipproċessar ta' prodotti tar-razzett għall-konsum mill-bdiewa stess, produzzjoni ta' nbid u żejt taż-żebbuġ,
 - manutenzjoni ta' bini, makkinarju, apparat, sisien tal-ħaxix, kanali, eċċ.,
 - trasport għall-azjenda mwettaq mill-ħaddiema tal-azjenda,
- Xogħol għall-attivitajiet l-oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda
 - Xogħol b'kuntratt (bl-użu ta' mezzi ta' produzzjoni tal-azjenda)

- Turiżmu, akkomodazzjoni u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ,
- Ipproċessar ta' prodotti tar-razzett (irrispettivament jekk il-materja prima tiġix prodotta fl-azjenda jew jekk tinxtarax minn barra), pereżempju ġobon, butir, laħam ipproċessat ...
- Produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli,
- Forestrija u pproċessar tal-injam,
- Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (annimali miżmuma għall-fer, biedja terapewtika (care farming), snajja', akkwakultura, ...).

Dawn li ġejjin mhumiex inklużi fix-xogħol tal-azjenda:

- xogħol fil-produzzjoni ta' assi fissi (xogħol ta' kostruzzjoni jew ta' tiswijiet maġġuri ta' bini jew makkinarju, tħawwil ta' ġonna bis-siġar, ħatt ta' bini, tagħżiq ta' ġonna bis-siġar, eċċ.),
- xogħol imwettaq għad-dar tad-detentur jew tal-maniġer.

Tabella D.

Assi

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' assi		Kodiċi (*)
		Kolonna
		Valur
		V
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	
AD	Deprezzament akkumulat	
DY	Deprezzament tas-sena kurrenti	
IP	Investiment/xiri, qabel ma jitnaqqsu s-sussidji	
S	Sussidji	
SA	Bejgħ	
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	OV	AD	DY	IP	S	SA	CV
1010	Flus kontanti u ekwivalenti		—	—	—	—	—	
1020	Riċevibbli		—	—	—	—	—	
1030	Assi kurrenti oħra		—	—	—	—	—	
1040	Inventarji		—	—				
2010	Assi bijoloġiċi — pjanti		—	—				
3010	Art agrikola		—	—				
3020	Benefikati fuq l-art							
3030	Binjiet fir-razzett							

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	OV	AD	DY	IP	S	SA	CV
4010	Makkinarju u tagħmir							
5010	Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf		—	—				
7010	Assi intanġibbli, negozjabbli		—	—				
7020	Assi intanġibbli, mhux negozjabbli							
8010	Assi oħra mhux kurrenti							

Għandhom jintużaw il-kategoriji ta' assi li ġejjin:

1010. Flus kontanti u ekwivalenti

Flus kontanti u assi oħra li jistgħu faċilment jinbidlu fi flus kontanti.

1020. Riċevibbli

Assi fuq medda qasira ta' żmien, ammonti dovuti lill-azjenda li jinħolqu b'mod normali mill-attivitajiet kummerċjali.

1030. Assi kurrenti oħra

Kwalunkwe assi oħra li jinbiegħu faċilment jew li huma mistennija li jitħallsu fi żmien sena.

1040. Inventarji

Stokkijiet ta' prodotti fil-pussess tal-azjenda li jistgħu jew jintużaw bħala mezzi ta' produzzjoni jew jinżammu għall-bejgħ, irrispettivament jekk humiex immanifatturati mill-azjenda jew mixtrija.

2010. Assi bijoloġiċi — pjanti

Il-valuri tal-pjanti li għandhom ma nħasdux (l-ucuh tar-raba' kollha permanenti u wieqfa).

3010. Art agrikola

L-art agrikola fil-pussess tal-azjenda.

3020. Benefikati fuq l-art

Benefikati fuq l-art (pereżempju bini ta' ċnut jew ħitan, sistemi ta' drenaġġ, apparat permanenti għat-tisqija) li jappartjenu lid-detentur, irrispettivament mit-tip ta' okkupazzjoni tal-art. L-ammonti mdaħħla huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

3030. Binjiet fir-razzett

Binjiet li jappartjenu lid-detentur, irrispettivament mit-tip ta' okkupazzjoni tal-art. L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

4010. Makkinarju u tagħmir

Tratturi, kultivaturi bil-mutur, trakkijiet, vannijiet, karozzi, tagħmir tal-biedja kbir u żgħir. L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

5010. Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf

Artijiet tal-foresti okkupati mis-sid li huma inklużi fl-azjenda agrikola.

7010. Assi intanġibbli — negozjabbli

L-assi kollha intanġibbli li jistgħu jinxtrow jew jinbiegħu faċilment (pereżempju kwoti u drittijiet meta jkun negozjabbli mingħajr l-art u jkun jeżisti suq attiv għalihom).

7020. Assi intanġibbli — mhux negozjabbli

L-assi intanġibbli l-oħra kollha (pereżempju softwer, liċenzji, eċċ.). L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

8010. Assi oħra mhux kurrenti

Assi oħra fuq medda twila ta' żmien. L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

Gruppi ta' informazzjoni fit-Tabella D

Il-gruppi ta' informazzjoni huma: (OV) valutazzjoni tal-ftuħ, (AD) deprezzament akkumulat, (DY) deprezzament tas-sena kurrenti, (IP) investimenti jew xiri qabel ma jitnaqqsu s-sussidji, (S) sussidji, (SA) bejgħ, (CV) valutazzjoni tal-ghelug. Dawn huma spjegati hawn taħt.

Hemm kolonna waħda biss bil-valur (V).

Metodi ta' valutazzjoni

Jintużaw il-metodi ta' valutazzjoni li ġejjin:

valur ġust li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ	l-ammont li bih jistgħu jiġu skambjati l-assi, jew ikun saldu ta' obligazzjoni, bejn partijiet konsapevoli u disposti fi tranżazzjoni distakkata, li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż stmati li wieħed iġarrab b'rabta mal-bejgħ	2010, 3010, 5010, 7010
kost storiku	spejjeż nominali jew oriġinali tal-assi waqt l-akkwist	3020, 3030, 4010, 7020
valur skont il-kotba	il-valur tal-assi kif jidher fil-karta tal-bilanċ	1010, 1020, 1030, 1040, 8010

D.OV. Valutazzjoni tal-ftuħ

Il-valutazzjoni tal-ftuħ hija l-valur tal-assi fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà. Għall-irziezet li kienu inklużi fil-kampjun anki fis-sena ta' qabel, il-valutazzjoni tal-ftuħ għandha taqbel mal-valutazzjoni tal-ghelug tas-sena ta' qabel.

D.AD. Deprezzament akkumulat

Huwa s-somma tad-deprezzament tal-assi mill-bidu tal-ħajja tagħhom sa tmiem il-perjodu preċedenti.

D.DY. Deprezzament tas-sena kurrenti

Allokazzjoni sistematika tal-ammont deprezzabbli tal-assi matul il-ħajja utli tagħhom.

Tabella bir-rati annwali ta' deprezzament applikati minn kull Stat Membru għandha tkun ikkomunikata lill-Kummissjoni filwaqt li għandhom jiġu osservati l-istess skadenzi bħal daww stabbiliti għad-dħul tad-dejta annwali.

D.IP. Investimenti/Xiri

L-infiq totali fuq xiri, tiswijiet kbar u l-produzzjoni ta' assi fissi matul is-sena ta' kontabbiltà. Fil-każijiet fejn ikunu ngħataw għotjiet u sussidji fil-konfront ta' dawn l-investimenti, l-ammont minfuq qabel ma jitnaqqsu l-għotjiet u s-sussidji msemmija għandu jiddaħħal fil-kolonna IP.

Ix-xiri ta' oġġetti żgħar ta' makkinarju u tagħmir kif ukoll ta' siġar żgħar u buxxijiet għal tħawwil mill-ġdid ma għandux jidher f'dawn il-kolonni, iżda għandu jiġi inkluż fl-ispejjeż tas-sena ta' kontabbiltà.

It-tiswijiet il-kbar li effettivament iżidu l-valur tal-makkinarju u tat-tagħmir meta mqabbel mal-valur li dawn kellhom qabel it-tiswija għandhom ukoll ikunu inklużi f'din il-kolonna, jew bħala parti integrali mid-deprezzament tal-makkinarju jew tat-tagħmir, li, kif xieraq, għandu jiġi adattat b'tali mod li titqies l-ħajja estiża (bis-saħħa tat-tiswijiet) tal-oġġetti inkwistjoni jew billi l-ispiża tat-tiswijiet il-kbar titqassam fuq il-ħajja utli mistennija kollha.

Il-valur tal-assi fissi prodotti għandu jiġi vvalutat abbażi tal-ispejjeż tagħhom (inkluż il-valur tax-xogħol imħallas u/jew mhux imħallas) u għandu jiddied mal-valur tal-assi fissi mogħtija taħt il-kodiċijiet mill-2010 sat-8010 tat-Tabella D "ASSI".

D.S. Sussidji fuq investimenti

Il-porzjon kurrenti tas-sussidji kollha riċevuti (fis-snin ta' kontabbiltà preċedenti jew kurrenti) għall-assi mdaħħla f'din it-tabella.

D.SA. Bejgħ

Il-bejgħ totali tal-assi matul is-sena ta' kontabbiltà.

D.CV. Valutazzjoni tal-għeluq

Il-valutazzjoni tal-għeluq hija l-valur tal-assi fi tmiem is-sena tal-kontabbiltà.

Kummenti

Għall-punti 2010, 3010, 5010 u 7010, id-differenza bejn OV+IP-SA u CV titqies bħala introjtu jew telf (ikkawżat kemm mit-tibdil fil-prezz tal-unità kif ukoll fil-volum) għal dawn l-assi għas-sena ta' kontabbiltà.

L-informazzjoni dwar l-Assi bijoloġiċi — annimali titniżżel fit-Tabella J "PRODUZZJONI TAL-BHEJJEM".

Tabella E.
Kwoti u drittijiet oħra

Kategorija ta' kwota jew dritt		Kodiċi (*)			
Grupp ta' informazzjoni		Kolonna			
		Kwota fil-pussess	Kwota mikrija mingħand oħrajn	Kwota mikrija lil oħrajn	Taxxi
		N	I	O	T
QQ	Kwantità fi tmien sena ta' kontabbiltà				—
QP	Xiri ta' kwota		—	—	—
QS	Kwota mibjugħa		—	—	—
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ		—	—	—
CV	Valutazzjoni tal-għeluq		—	—	—
PQ	Ħlasijiet imwettqa għal kwoti meħuda b'kera jew ċens	—		—	—
RQ	Ħlasijiet riċevuti għal kwoti mogħtija b'kera jew ċens	—	—		—
TX	Taxxi	—	—	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
10	Ħalib
20	Primjums għall-baqar li jreddgħu
30	Primjums għan-nagħaġ u l-mogħoż
40	Pitravi zokkrija
50	Demel organiku
60	Intitolamenti għal pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku ħlief drittijiet speċjali
70	Intitolamenti għal drittijiet speċjali

Il-kwantitajiet tal-kwoti (kwoti fil-pussess, kwoti mikrija mingħand oħrajn u kwoti mikrija lil oħrajn) huma punti obbligatorji. Tiġi rreġistrata biss il-kwantità fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà.

Il-valuri li jikkonċernaw kwoti li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom jtniżżlu f'din it-tabella. Il-kwoti li ma jistgħux ikunu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom jtniżżlu biss fit-Tabella D "ASSI". Il-kwoti oriġinarjament akkwistati b'xejn għandhom ukoll jiġu rreġistrati u vvalutati bil-valur kurrenti tagħhom fis-suq jekk ikunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art.

Xi tipi ta' dejta jiġu inklużi b'mod simultanju, individwalment jew bħala komponenti ta' ammonti ta' dejta ikbar, fi gruppi jew kategoriji oħra fit-Tabelli D "ASSI", H "MEZZI TA' PRODUZZJONI" u/jew I "UĊUH TAR-RABA".

Għandhom jintużaw il-**kategoriji** li ġejjin:

10. Ħalib
20. Primjums għall-baqar li jreddgħu
30. Primjums għan-nagħaġ u l-mogħoż nisa
40. Pitravi zokkrija
50. Demel organiku
60. Drittijiet għal pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku (ħlief drittijiet speċjali)
70. Drittijiet speċjali taħt l-iskema ta' pagament uniku.

Għandhom jintużaw il-**gruppi ta' informazzjoni** li ġejjin:

E.QQ. Kwantità (li għandha tiġi rreġistrata fil-kolonna N, I, O biss)

L-unitajiet li għandhom jintużaw:

- Kategoriji 10 u 40 (ħalib u pitravi zokkrija): qnatar,
- Kategoriji 20 u 30 (primjumss għall-baqar li jreddgħu u primjums għan-nagħaġ u l-mogħoż): għadd ta' unitajiet bażiċi ta' primjums,
- Kategorija 50 (demel organiku): għadd ta' animali mibdul f'unitajiet standard,
- Kategorija 60 (drittijiet għal pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku ħlief drittijiet speċjali): għadd ta' drittijiet/ares,
- Kategorija 70 (dritt speċjali taħt l-iskema ta' pagament uniku): għadd ta' drittijiet.

E.QP. Kwoti mixtriya (għandhom jiġu rreġistrati fil-kolonna N biss)

Għandu jiġi rreġistrat l-ammont imħallas għax-xiri, matul is-sena ta' kontabbiltà, ta' kwoti jew drittijiet oħra li jistgħu jkunu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom.

E.QS. Kwoti mibjugħa (għandhom jiġu rreġistrati fil-kolonna N biss)

L-ammont irċevut għall-bejgħ, matul is-sena ta' kontabbiltà, ta' kwoti jew drittijiet oħra li jistgħu jkunu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom.

E.OV. Valutazzjoni tal-ftuħ (għandha tiġi rreġistrata fil-kolonna N biss)

Il-valur tal-valutazzjoni tal-ftuħ tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur stess, irrispettivament jekk oriġinarjament ġewx akkwistati b'xejn jew jekk jinxtrowx, għandu jiġi rreġistrat skont il-valuri kurrenti fis-suq jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom.

E.CV. Valutazzjoni tal-għeluq (għandha tiġi rreġistrata fil-kolonna N biss)

Il-valur tal-valutazzjoni tal-għeluq tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur stess, irrispettivament jekk oriġinarjament ġewx akkwistati b'xejn jew jekk jinxtrowx, għandu jiġi rreġistrat skont il-valuri kurrenti fis-suq jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom.

E.PQ. Ammonti mħallsa għal kwoti meħuda b'kera jew ċens (għandhom jiġu rreġistrati fil-kolonna I biss)

L-ammont imħallas għall-għoti b'ċens jew kera ta' kwoti jew drittijiet oħra. Dan huwa inkluż ukoll fil-kera mħallsa taħt il-kategorija 5070 (kera mħallsa) fit-Tabella H "MEZZI TA' PRODUZZJONI".

E.RQ. Dħul għal kwoti mogħtija b'kera jew ċens (għandu jiġi rreġistrat fil-kolonna O biss)

L-ammont riċevut għall-għoti b'kera jew ċens ta' kwoti jew drittijiet oħra. Dan huwa inkluż ukoll fil-kategorija 90900 (Prodotti u dħul ieħor) fit-Tabella I "UĊUH TAR-RABA".

E.TX. Taxxi, imposta addizzjonali (kolonna T)

Kategorija 10 (ħalib): imposta addizzjonali fuq il-ħalib dovuta fuq il-produzzjoni għas-sena ta' kontabbiltà, jew inkella l-ammont imħallas.

KOLONNI FIT-TABELLA E

Il-kolonna N tirreferi għall-kwoti fil-pussess, il-kolonna I għall-kwoti mikrija mingħand oħrajn, il-kolonna O għall-kwoti mikrija lil oħrajn, u l-kolonna T għat-taxxi.

Tabella F.

Djun

Struttura tat-tabella

Kategoriji ta' dejn		Kodiċi (*)	
Grupp ta' informazzjoni		Kolonna	
		Medda ta' żmien qasir	Medda ta' żmien twil
		S	L
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ		
CV	Valutazzjoni tal-għeluq		
Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	S	L
1010	Kummerċjali standard		
1020	Kummerċjali speċjali		
1030	Self lill-familja/privat		
2010	Ammonti pagabbli		—
3000	Obbligazzjonijiet oħra		

L-ammonti indikati għandhom jirreferu biss għall-ammonti li jkunu għadhom pendenti, jiġifieri s-self mingħajr il-pagamenti li jkunu diġà saru.

Għandhom jintużaw il-kategoriji li ġejjin:

1010. Dejn — kummerċjali standard — jirreferi għas-self li mhu appoġġjat mill-ebda politika pubblika mmirata għas-self.

1020. Dejn — kummerċjali speċjali — jirreferi għas-self li jibbenefika minn appoġġ minn politika pubblika (sussidji għall-interessi, garanziji, eċċ.).

1030. Dejn — self lill-familja/privat — self mogħti lil persuna fiżika bis-saħħa tar-relazzjoni familjari/privata tagħha mad-debitur.

2010. Ammonti pagabbli — ammonti dovuti lil fornituri.

3000. Obligazzjonijiet oħra — obbligazzjonijiet differenti minn self jew ammonti pagabbli.

Għandhom jiġu rreġistrati żewġ gruppi ta' informazzjoni: (OV) il-valutazzjoni tal-ftuħ (CV) u l-valutazzjoni tal-għeluq.

Hemm żewġ kolonni: (S) obligazzjonijiet fuq medda ta' żmien qasir u (L) obligazzjonijiet fuq medda ta' żmien twil:

Obligazzjonijiet fuq medda ta' żmien qasir — djun u obligazzjonijiet oħra b'rabta mal-azjenda li jkunu dovuti finqas minn sena.

Obligazzjonijiet fuq medda ta' żmien twil — djun u obligazzjonijiet oħra b'rabta mal-azjenda għal tul ta' sena jew aktar.

Tabella G.

Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)

Struttura tat-tabella

Kategorija tas-sistemi ta' VAT		Kodiċi (*)		
Grupp ta' informazzjoni		Sistema ta' VAT	Bilanċ tat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti	Bilanċ tat-tranżazzjonijiet tal-investment
		C	NI	I
VA	Sistemi ta' VAT fl-azjenda agrikola			

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji
1010	Sistema ta' VAT ewlenija fl-azjenda agrikola
1020	Sistema ta' VAT minoritarja fl-azjenda agrikola

Lista ta' sistemi ta' VAT għaż-żewġ kategoriji	C	NI	I
Sistema normali ta' VAT	1	—	—
Sistema ta' kumpens parzjali	2		

L-informazzjoni monetarja fil-prospett al-biedja għandha tingħata mingħajr il-VAT.

Id-dettalji li ġejjin fuq il-VAT għandhom jiġu pprovduti bħala kategoriji:

1010. Sistema ta' VAT ewlenija fl-azjenda agrikola

1. Sistema normali ta' VAT — is-sistema ta' VAT li tiggarantixxi newtralità rigward l-introjt għall-azjendi agrikoli billi l-bilanċ tal-VAT jiġi kklerjat mal-awtoritajiet tat-taxxa.
2. Sistema ta' kumpens parzjali — is-sistema ta' VAT li ma tiggarantixxi newtralità rigward l-introjt għall-azjendi agrikoli, għalkemm tista' tinkludi xi mekkaniżmu approssimattiv għall-ikkompensar tal-VAT imħallas u riċevut.

1020. Sistema ta' VAT minoritarja fl-azjenda agrikola

Kodiċijiet kif iddefiniti għas-sistema tal-VAT ewlenija.

Hemm biss grupp ta' informazzjoni wieħed (VA) dwar is-sistema ta' VAT fl-azjenda agrikola. Hemm tliet kolonni: (C) kodiċi tas-sistema ta' VAT, (NI) bilanċ tat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti u (I) bilanċ tat-tranżazzjonijiet tal-investment.

Għas-sistema normali ta' VAT tiddaħħal biss l-indikazzjoni tagħha. Jekk l-azjenda agrikola tkun soġġetta għas-sistema ta' kumpens parzjali tal-VAT, għandhom jiġu pprovduti wkoll il-bilanċ tal-VAT għat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti u l-bilanċ tal-VAT għat-tranżazzjonijiet tal-investment.

Meta d-dħul mill-VAT iżid il-fatturat tal-azjenda, il-bilanċ tal-VAT ta' hawn fuq ikun ċifra pożittiva. F'każ li d-dħul jonqos, il-bilanċ ikun negattiv.

Tabella H.

Mezzi ta' produzzjoni

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' mezzi ta' produzzjoni		Kodiċi (*)	Kolonna	
Grupp ta' informazzjoni			Valur	Kwantità
			V	Q
LM	Spejjeż u mezzi ta' produzzjoni marbutin mal-ħaddiema u l-makkinarju			
SL	Spejjeż speċifiċi għall-bhejjem			
SC	Spejjeż speċifiċi u mezzi ta' produzzjoni marbutin mal-uċuħ tar-raba'			
OS	Spejjeż speċifiċi marbutin ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ			
FO	Spejjeż ġenerali u regolari tal-irziezet			
Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	V	Q
1010	LM	Spejjeż ta' pagi u sigurtà soċjali għall-ħaddiema mħallsa		—
1020	LM	Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju		—
1030	LM	Manutenzjoni preżenti ta' makkinarju u apparat		—
1040	LM	Fjuwils u lubrikanti tal-mutur		—
1050	LM	Spejjeż tal-karozzi		—
2010	SL	Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħaw (ekwini, ruminanti)		—
2020	SL	Għalf mhux irraffinat mixtri għal bhejjem li jirgħaw (ekwini, ruminanti)		—
2030	SL	Għalf mixtri għall-majjali		—
2040	SL	Għalf mixtri għat-tjur u animali żgħar oħra		—
2050	SL	Għalf prodott fir-razzett għal bhejjem li jirgħaw (ekwini, ruminanti)		—
2060	SL	Għalf prodott fir-razzett għall-majjali		—
2070	SL	Għalf prodott fir-razzett għat-tjur u animali żgħar oħra		—
2080	SL	Spejjeż veterinarji		—
2090	SL	Spejjeż speċifiċi oħrajn tal-bhejjem		—
3010	SC	Żerriegħa u nebbieta mixtrija		—
3020	SC	Żerriegħa u nebbieta mkabbra u użati fir-razzett		—
3030	SC	Fertilizzanti u sustanzi li jtejbu l-ħamrija		—

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	V	Q
3031	SC	Kwantità ta' N użata ffertilizzanti minerali	—	
3032	SC	Kwantità ta' P ₂ O ₅ użata ffertilizzanti minerali	—	
3033	SC	Kwantità ta' K ₂ O użata ffertilizzanti minerali	—	
3034	SC	Demel mixtri		—
3040	SC	Prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba'		—
3090	SC	Spejjeż oħra speċifiċi relatati mal-uċuħ tar-raba'		—
4010	OS	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam		—
4020	OS	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba'		—
4030	OS	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tal-baqar		—
4040	OS	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tal-bufla		—
4050	OS	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ		—
4060	OS	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tal-mogħoż		—
4070	OS	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-animali		—
4090	OS	Spejjeż speċifiċi oħra marbutin ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ		—
5010	FO	Manutenzjoni kurrenti tat-titjib tal-art u l-bini		—
5020	FO	Eletriku		—
5030	FO	Fjuwils għat-tisħin		—
5040	FO	Ilma		—
5051	FO	Assigurazzjoni agrikola		—
5055	FO	Assigurazzjonijiet oħra tal-azjendi agrikoli		—
5061	FO	Taxxi u drittijiet oħrajn		—
5062	FO	Taxxi fuq art u bini		—
5070	FO	Kera mħallsa, total		—
5071	FO	Kera mħallsa għall-art		—
5080	FO	Imgħax u ħlasijiet finanzjarji mħallsa		—
5090	FO	Spejjeż ġenerali oħrajn tal-biedja		—

Il-mezzi ta' produzzjoni tal-azjendi agrikoli (spejjeż fi flus kontanti u *in natura*, u kwantitajiet ta' mezzi ta' produzzjoni magħżula) huma relatati mal-"konsum" ta' riżorsi produttivi (inkluż l-użu fir-razzett ta' mezzi ta' produzzjoni prodotti fil-innifsu) li jikkorrispondu għall-produzzjoni tar-razzett waqt is-sena ta' kontabbiltà jew mal-"konsum" ta' dawk ir-riżorsi waqt is-sena ta' kontabbiltà. Meta ċertu użu jirreferi, f'parti minnu, għall-użu privat u, f'parti oħra, għall-użu mir-razzett (pereżempju elettriku, ilma, fjuwils għat-tisħin u fjuwils tal-mutur, eċċ.), hija biss din l-aħħar parti li għandha tkun inkluża fil-prospett tal-biedja. Għandu wkoll ikun inkluż il-proporzjon tal-użu tal-karozzi privati li jikkorrispondu għall-użu tagħhom għal skopijiet marbutin mar-razzett.

Meta jiġu kkalkulati l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tas-sena ta' kontabbiltà, ix-xiri u l-użu mir-razzett waqt is-sena għandhom jiġu aġġustati skont il-bidliet fil-valutazzjoni (inklużi bidliet fil-kultivazzjonijiet). Għal kull oġġett it-total ta' spejjeż imħallsa u l-valur tal-użu mir-razzett għandhom jiġu reġistrati separatament.

Meta l-ispejjeż indikati jkunu għall-"konsum" totali ta' mezzi ta' produzzjoni waqt is-sena ta' kontabbiltà, imma ma jikkorrispondu għall-produzzjoni matul dik is-sena, il-bidliet fil-ħażniet ta' mezzi ta' produzzjoni (inklużi spejjeż akkumulanti ta' wċuħ tar-raba') li jkunu qegħdin jikbru) għandhom jiġu indikati taħt kodiċi adegwat relatat mal-kapital li jiċċirkola.

Meta r-riżorsi ta' produzzjoni tal-azjenda (ħaddiema mħallsa jew mhux imħallsa, makkinarju jew tagħmir) jintużaw sabiex iżidu l-assi fissi (kostruzzjoni jew tiswijiet maġġuri ta' makkinarju, kostruzzjoni, tiswijiet maġġuri jew saħansitra tiġrif ta' bini, tħawwil jew qtugħ ta' siġar tal-frott), l-ispejjeż korrispondenti – jew stima taġġhom — ma għandhomx jiġu inklużi fl-ispejjeż tal-operat tal-azjenda. Fkull każ, l-ispejjeż tax-xogħol u s-siġhat maħduma għall-produzzjoni ta' assi fissi għandhom jiġu esklużi kemm mill-ispejjeż kif ukoll mill-informazzjoni dwar il-ħaddiema. F'każijiet eċċezzjonali, jekk ċerti spejjeż (apparti minn spejjeż ta' xogħol) użati għall-produzzjoni ta' assi fissi ma jkunux jistgħu jiġu kkalkulati separatament (pereżempju l-użu tat-trattur tal-azjenda) u jekk dan l-infiq jiġi mbagħad inkluż taħt l-ispejjeż, stima ta' dawn l-ispejjeż kollha użati għall-produzzjoni ta' assi fissi għandha tiddaħħal fit-Tabella I "UĊUH TAR-RABA" mal-kategorija tal-kodiċi tal-uċuħ tar-raba' 90900 ("Oħrajn").

L-ispejjeż marbuta mal-"konsum" ta' assi kapitali huma rrappreżentati mid-deprezzament, u b'hekk l-infiq fuq l-akkwist ta' assi kapitali ma għandux jitqies bħala nfiq tar-razzett. Għal istruzzjonijiet rigward id-deprezzament ara t-Tabella D "ASSI".

Infiq fuq oġġetti kkompensati waqt is-sena ta' kontabbiltà jew iktar tard (pereżempju tiswijiet fi trattur b'riżultat ta' inċident kopert minn polza ta' assigurazzjoni jew mir-responsabbiltà ta' parti terza) ma għandux jitniżżel bħala spejjeż tar-razzett, u d-dħul korrispondenti ma għandux jiġi inkluż fil-kontijiet tar-razzett.

Id-dħul mill-bejgħ mill-ġdid ta' provvisti mixtrija għandu jitnaqqas mill-mezzi ta' produzzjoni korrispondenti.

Għotjiet u sussidji marbuta ma' spejjeż ma għandhomx jitnaqqsu mill-oġġetti ta' spejjeż korrispondenti, imma għandhom jitniżżlu taħt kodiċijiet adegwati mit-4100 sat-4900 fit-Tabella M "SUSSIDJI" (ara l-istruzzjonijiet rigward dawk il-kodiċijiet). Għotjiet u sussidji għal investimenti jidhru fit-Tabella D "ASSI".

L-ispejjeż jinkludu wkoll kull infiq fuq xiri relatat ma' kull oġġett ta' spiża.

Il-mezzi ta' produzzjoni huma kklassifikati kif ġej:

1010. Spejjeż ta' pagi u sigurtà soċjali għall-ħaddiema mħallsa

Din il-partita tinkludi dawn li ġejjin:

- salarji u pagi attwalment imħallsa fi flus kontanti lil min jaqla' paga irrispettivament mill-bażi tar-remunerazzjoni (xogħol bl-imqieta jew bis-siegħa), bi tnaqqis ta' kull konċessjoni soċjali mħallsa lid-detentur, fil-kapaċità tiegħu bħala min iħaddem, bħala kumpens għall-ħlas ta' salarju li ma jikkorrispondix għal xogħol li attwalment ikun sar (pereżempju assenja mix-xogħol minħabba inċident, taħriġ vokazzjonali, eċċ.),
- salarji u pagi *in natura* (pereżempju akkomodazzjoni, ikel, abitazzjoni, prodotti tar-razzett, eċċ.),
- bonusijiet għall-produttività jew għal kwalifiki, rigali, affarijiet b'xejn, qsim tal-qligħ,
- infiq ieħor relatat mal-ħaddiema (spejjeż tar-reklutaġġ),
- ħlasijiet tas-sigurtà soċjali li għandhom isiru minn min iħaddem u dawk imħallsa minnu fisem u minflok l-impjegat,
- assigurazzjoni kontra inċidenti fuq il-post tax-xogħol.

Il-ħlasijiet ta' sigurtà soċjali personali tad-detentur u l-assigurazzjoni relatata u dawk tal-ħaddiema mhux imħallsa ma għandhomx jitqiesu bħala spejjeż tal-azjenda agrikola.

L-ammonti li jirċievu l-ħaddiema mhux imħallsa (li skont id-definizzjoni huma inqas minn paga normali – ara d-definizzjoni ta' xogħol bla ħlas) ma għandhomx jidhru fil-prospett tal-biedja.

Konċessjonijiet (fi flus kontanti jew *in natura*) imħallsa lill-ħaddiema mħallsa rtirati u li ma għadhomx impjegati mal-azjenda ma għandhomx jidhru taħt dan il-partita, imma taħt il-kodiċi "Spejjeż ġenerali u regolari oħrajn tal-biedja".

1020. Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju

Din il-partita tinkludi dawn li ġejjin:

- nefqa totali fir-rigward tax-xogħol fir-razzett imwettaq minn kuntratturi agrikoli. Dan jinkludi ġeneralment il-prezz tal-użu ta' tagħmir (inkluż il-fjuwil) u x-xogħol. Fil-każ li l-prezz tal-materjali użati, minbarra l-fjuwil (jiġifieri prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba', fertilizzanti u żrieragħ), ikun ukoll inkluż fil-kuntratt, il-prezz ta' dawn il-materjali għandu jkun eskluż. Dan l-ammont (jekk meħtieġ issir stima) għandu jiddaħħal taħt il-prezz tal-prodott korrispondenti (pereżempju l-pestiċidi għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 3040 "Prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba"),

- l-ispiża tal-kiri ta' magni użati mill-ħaddiema tar-razzett. L-ispejjeż tal-fjuwil relatat mal-użu ta' makkinarju mikri għandu jiġi rreġistrat taħt il-kodiċi 1040 "Fjuwils u lubrikanti tal-mutur"),
- l-ispiża tal-kiri fit-tul (leasing) ta' magni użati mill-ħaddiema tar-razzett. L-ispejjeż tal-fjuwil u tal-manutenzjoni ta' magni mikrija għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi rilevanti (kodiċi 1030 "Manutenzjoni preżenti ta' makkinarju u apparat" u 1040 "Fjuwils u lubrikanti tal-mutur").

1030. **Manutenzjoni preżenti ta' makkinarju u apparat**

L-ispiża tal-manutenzjoni ta' makkinarju u tagħmir u ta' tiswijiet żgħar li ma jaffettwawx il-valur fis-suq tal-apparat (hłas tal-mekkanik, prezz tal-partijiet li jissostitwixxu dawk difettużi, eċċ.).

Dan il-punt jinkludi x-xiri ta' tagħmir żgħir, l-ispejjeż ta' oġġetti magħmulin minn sarraġġ u tax-xogħol tan-nagħal taż-żwiemel, ix-xiri ta' tajers, oqfsa ta' appoġġ, ħwejjeġ protettivi għal xogħol insanitarju, deterġenti għat-tindif ta' tagħmir b'mod ġenerali, u l-proporzjon tal-ispejjeż tal-karrozzi privati li jikkorrispondu għall-użu tagħhom għal skopijiet tar-razzett (ara wkoll il-kodiċi 1050). Id-deterġenti użati għat-tindif ta' tagħmir tal-bhejjem (pereżempju magni tal-ħalib) għandhom jiddaħħlu taħt il-kodiċi 2090 "Spejjeż speċifiċi oħrajn tal-bhejjem".

Tiswijiet maġġuri li jżidu l-valur tat-tagħmir meta mqabbel mal-valur tiegħu qabel ma jsiru t-tiswijiet mhumiex inklużi taħt dan il-kodiċi (ara wkoll l-istruzzjonijiet dwar id-deprezzament fit-tabella D "ASSI").

1040. **Fjuwils u lubrikanti tal-mutur**

Din il-partita tinkludi wkoll il-proporzjon tal-ispejjeż tal-fjuwils u l-lubrikanti għall-karrozzi privati li jikkorrispondu għall-użu tagħhom għal skopijiet tar-razzett (ara wkoll il-kodiċi 1050).

Fejn il-prodotti jintużaw kemm bħala fjuwil tal-mutur kif ukoll għat-tisħin, is-somma totali tinqasam f'żewġ kodiċijiet:

1040. "Fjuwils u lubrikanti tal-mutur"

5030. "Fjuwils għat-tisħin".

1050. **Spejjeż tal-karrozzi**

Meta l-proporzjon tal-azjenda agrikola mill-ispiża fuq karrozzi privati jiġi kkalkulat b'mod arbitrarju (pereżempju ammont fiss għal kull kilometru), dawn l-ispejjeż jiġu indikati taħt dan il-kodiċi.

Għalf tal-bhejjem

L-għalf użat jinqasam f'dak mixtri u dak prodott fir-razzett.

L-għalf tal-bhejjem mixtri jinkludi supplimenti minerali, prodotti tal-ħalib (mixtrija jew irritornati lir-razzett) u prodotti għall-preservazzjoni u l-ħżin ta' għalf tal-bhejjem, kif ukoll in-nefqa fuq ir-ragħa, fuq l-użu ta' għelieqi u merġhat komuni mhux inklużi fl-EAU, u fuq il-kiri ta' art għat-tekabbir tal-għalf mhux inklużi fl-EAU. Il-mifrex u t-tiben mixtrija huma inklużi wkoll mal-għalf tal-bhejjem mixtri.

L-għalf mixtri għall-bhejjem li jirgħaw huwa subdiviż f'għalf ikkonċentrat u għalf mhux ipproċessat (inklużi in-nefqa fuq ir-ragħa u l-użu ta' għelieqi u merġhat komuni u artijiet għat-tekabbir tal-għalf mhux inklużi fl-EAU, u l-mifrex u t-tiben mixtrija).

Il-kodiċi 2010 "Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħaw (ekwini, ruminanti)" jinkludi b'mod partikolari kejkijiet taż-żejt, għalf kompost, ċereali, ħaxix immixxef, polpa mnixxfa tal-pitrava zokkrija, ħut mitħun, ħalib u prodotti tal-ħalib, minerali u prodotti għall-preservazzjoni u l-ħżin ta' dan l-għalf tal-bhejjem.

In-nefqa fuq xogħol imwettaq minn kuntratturi agrikoli għall-produzzjoni ta' għalf mhux ipproċessat, pereżempju ħżin ta' ħaxix tal-għalf f'sajlo, għandu jitniżżel taħt il-kodiċi 1020 "Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju".

L-għalf tal-bhejjem prodott u użat fir-razzett jinkludi prodotti tar-razzett użati bħala għalf tal-bhejjem li jistgħu jinbiegħu (inklużi ħalib u prodotti tal-ħalib, imma eskluż il-ħalib li jerdgħu l-għoġġiela, li ma għandux jitqies). Il-mifrex u t-tiben prodotti mill-azjenda huma inklużi biss jekk ikunu prodott li jista' jinbiegħ fir-reġjun u fis-sena inkwistjoni.

Għandha tingħata l-analiżi ekonomika li ġeja:

Għalf mixtri:

2010 Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħaw (ekwini, ruminanti)

2020 Għalf mhux irraffinat mixtri għal bhejjem li jirgħaw (ekwini, ruminanti)

2030 Għalf mixtri għall-majjali

2040 Għalf mixtri għat-tjur u annimali żgħar oħra

Għalf prodott fir-razzett li l-irziezet jużawh bħala:

2050 Għalf prodott fir-razzett għal bhejjem li jirgħaw (ekwini, ruminanti)

2060 Għalf prodott fir-razzett għall-majjali

2070 Għalf prodott fir-razzett għat-tjur u annimali żgħar oħra

2080. Spejjeż veterinarji

L-ispejjeż tal-miżati tal-veterinarji u tal-mediċini.

2090. Spejjeż speċifiċi oħrajn tal-bhejjem

In-nefqa kollha direttament relatata mal-produzzjoni tal-bhejjem li ma jaqgħu taħt ebda dispożizzjoni separata fil-kodiċijiet l-oħrajn tat-Tabella H: ħlasijiet għall-kiri taż-żwiemel tar-razza għat-tgħammir, inseminazzjoni artifiċjali, tiswija, testijiet tal-ħalib, abbonament u reġistrazzjoni fil-kotba tal-merħliet, deterġenti għat-tindif ta' tagħmir tal-bhejjem (pereżempju magni tal-ħlib), materjali tal-ippakkjar għal prodotti tal-bhejjem, l-ispejjeż tal-ħżin u l-preparazzjoni għas-suq ta' prodotti tal-bhejjem tar-razzett magħmula barra r-razzett, l-ispiża tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-bhejjem tar-razzett, l-ispejjeż tar-rimi tad-demel żejjed, eċċ. L-ispejjeż jinkludu wkoll il-kiri għal żmien qasir ta' bini użat għaż-żamma ta' annimali jew għall-ħżin ta' prodotti konnessi magħhom. Ma jinkludux l-ispejjeż speċifiċi tal-ipproċessar ta' prodotti tal-annimali kif irreġistrati taħt il-kodiċi mill-4030 sal-4070 tat-Tabella H.

3010. Żerriegħa u nebbieta mixtrija

Iż-żerriegħa u n-nebbieta mixtrija kollha, inklużi basal, basal tal-qasab, u tuberi. L-ispejjeż ta' siġar żgħar u buxxijiet għal tħawwil mill-ġdid jirrappreżentaw investiment u għandhom jidhru jew taħt il-kodiċi 2010 tat-Tabella D "Assi bijoloġiċi — pjanti" jew taħt il-kodiċi 5010 tat-Tabella D "Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf". Madankollu, l-ispejjeż tas-siġar żgħar u buxxijiet għal operazzjoni minuri ta' tħawwil mill-ġdid għandhom jitqiesu bħala spejjeż għas-sena ta' kontabbiltà u għandhom jiġu indikati taħt il-kodiċi preżenti ħliet għal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' foresti marbuta mal-azjenda agrikola, li għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4010 "Spejjeż speċifiċi tal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam".

L-ispejjeż tal-ipproċessar taż-żerriegħa (tqassim diżinfettar) huma inklużi wkoll taħt dan il-kodiċi.

3020. Żerriegħa u nebbieta mkabbra u użati fir-razzett

Iż-żerriegħa u n-nebbieta mixtrija kollha (inklużi basal, basal tal-qasab u tuberi) imkabbra u użati fir-razzett.

3030. Fertilizzanti u sustanzi li jtejbu l-ħamrija

Il-fertilizzanti u s-sustanzi kollha mixtrija għat-titjib tal-ħamrija (pereżempju lumi aħdar), inklużi kompost, pit u demel (eskluż demel prodott fl-azjenda).

Il-fertilizzanti u s-sustanzi li jtejbu l-ħamrija użati għal foresti li jiffurmaw parti mill-azjenda agrikola għandhom jtniżżlu taħt il-kodiċi 4010 "Spejjeż speċifiċi tal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam".

3031. Il-kwantità ta' nitroġenu (N) fil-fertilizzanti minerali użati

Il-kwantità totali (piż) ta' nitroġenu f'termini ta' N inkluż fil-fertilizzanti minerali użati, smata abbażi tal-kwantità tal-fertilizzanti minerali u n-N li fihom.

3032. Il-kwantità ta' fosfru ((P₂O₅) fil-fertilizzanti minerali użati

Il-kwantità totali (piż) tal-fosfru f'termini ta' P₂O₅ inkluż fil-fertilizzanti minerali użati, stmata abbażi tal-kwantità tal-fertilizzanti minerali u l-P₂O₅ li fihom.

3033. Il-kwantità ta' potassju (K₂O) fil-fertilizzanti minerali użati

Il-kwantità totali (piż) tal-potassju f'termini ta' K₂O inkluż fil-fertilizzanti minerali użati, stmata abbażi tal-kwantità tal-fertilizzanti minerali u l-K₂O li fihom.

3034. Demel mixtri

Il-valur tad-demel mixtri.

3040. Prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba'

Il-materjal kollu għall-ħarsien ta' wċuħ tar-raba' u pjanti kontra organiżmi ta' ħsara u mard, predaturi, temp ħażin, eċċ. (insettiċidi, fungjiċidi, erbiċidi, lixki bil-velenu, affarijiet li jbeżżgħu l-għasafar, qxur kontra l-borra, ħarsien kontra l-ġelu, eċċ.). Jekk l-operazzjonijiet għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba' jitwettqu minn kuntrattur u jekk il-prezz tal-materjali ta' protezzjoni użati ma jkunx magħruf separatament, it-total għandu jiddaħħal taħt il-kodiċi 1020 "Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju".

Il-materjali protettivi użati għal foresti li jiffurmaw parti mill-azjenda agrikola għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4010 "Spejjeż speċifiċi marbutin mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam".

3090. Spejjeż oħra speċifiċi relatati mal-uċuħ tar-raba'

L-ispejjeż kollha direttament relatati mal-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' (inklużi mergħat permanenti) li għalihom ma hemm l-ebda dispożizzjoni separata fl-oġġetti ta' spejjeż l-oħrajn: materjali tal-ippakkjar u l-irbit, spagi u ħbula, l-ispejjeż ta' analiżi tal-ħamrija, spejjeż tal-kompetizzjoni tal-uċuħ tar-raba', kisi tal-plastik (pereżempju għat-ħabbir tal-frawli), provvisti għall-preservazzjoni tal-uċuħ tar-raba', ħżin u preparazzjoni għas-suq ta' wċuħ tar-raba' magħmula barra r-razzett, l-ispiża ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-uċuħ tar-raba' tar-razzett, ammonti mħallsa għax-xiri ta' wċuħ tar-raba' weqfin li jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew għall-kiri ta' art għal perjodu ta' inqas minn sena għat-ħabbir ta' wċuħ tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq, provvisti tal-għeneb u ż-żebbuġ ipproċessati fl-azjenda, eċċ. Dawn l-ispejjeż ma jinkludux l-ispejjeż speċifiċi tal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba' differenti mill-għeneb u ż-żebbuġ, li għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4020. Huwa inkluż ukoll il-kiri għal żmien qasir ta' bini użat għal uċuħ tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

4010. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam

Fertilizzanti, materjali protettivi, spejjeż speċifiċi mħalltin. Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumieħ inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4020. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba'

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tar-razzett stess jew mixtriya, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba' (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumieħ inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4030. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-baqar

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tar-razzett stess jew mixtriya, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar ta' ħalib tal-baqra (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumieħ inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4040. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tal-buffi

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tar-razzett stess jew mixtriya, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar ta' ħalib tal-buffi (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumieħ inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4050. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tar-razzett stess jew mixtriya, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar ta' ħalib tan-nagħaġ (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumieħ inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4060. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-mogħoż

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tar-razzett stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar ta' ħalib tal-mogħoż (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4070. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-animali

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti nofshom ipproċessati, tar-razzett stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-laħam jew prodotti oħra tal-animali mhux imsemmija taħt il-kodiċi mill-4030 sal-4060 (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4090. Spejjeż speċifiċi oħra marbutin ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ

Materjali mhux maħduma, tar-razzett stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ. Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

5010. Manutenzjoni kurrenti tat-titjib tal-art u l-bini

Manutenzjoni (tat-tip tal-inkwilin) ta' bini u titjib tal-art inklużi serer, tipi ta' oqfsa u appoġġi. Ix-xiri ta' materjali tal-bini għall-manutenzjoni kurrenti ta' bini għandu jiddaħħal taħt dan il-kodiċi.

Ix-xiri ta' materjali tal-bini għal investimenti ġodda għandu jiddaħħal taħt il-kodiċi adegwati fil-grupp ta' informazzjoni "Investimenti/xiri" tat-Tabella D "ASSI".

L-ispejjeż ta' tiswijiet maġġuri fil-bini li jżidu l-valur tiegħu (manutenzjoni maġġuri) mhumiex inklużi taħt dan il-kodiċi. Dawn l-ispejjeż jidhru bħala investimenti taħt il-kodiċi 3030 tat-Tabella D "Binjiet fir-razzett".

5020. Elettriku

Il-konsum totali tal-elettriku għall-użu kummerċjali tar-razzett.

5030. Fjuwils għat-tisħin

Konsum totali ta' fjuwils għat-tisħin għal użu kummerċjali tar-razzett, inkluż it-tisħin ta' serer.

5040. Ilma

Spejjeż ta' konnessjoni mal-mejns u konsum ta' ilma għall-iskopijiet kollha tar-razzett, inkluża t-tisqija. L-ispejjeż għall-użu ta' apparat tal-ilma tar-razzett għandhom jiddaħħlu taħt il-kodiċijiet xierqa: deprezzament ta' makkinarju u apparat, manutenzjoni kurrenti ta' makkinarju u apparat, fjuwils tal-muturi, elettriku.

5051. Assigurazzjoni agrikola

L-ispejjeż tal-assigurazzjoni b'raba mal-introjt li ġej mill-produzzjoni agrikola jew kwalunkwe komponent tagħha, inkluża assicurazzjoni kontra l-mewt ta' animali u ħsara fl-uċuħ tar-raba' eċċ.

5055. Assigurazzjonijiet oħra tal-azjendi agrikoli

Il-primjums tal-assigurazzjoni kollha li jkopru r-riskji tar-razzett (għajr dawk agrikoli), bħar-responsabbiltà tad-detentur lejn partijiet terzi, nar, għargħar, għajr primjums tal-assigurazzjoni li jkopru inċidenti fuq il-post tax-xogħol, li jidhru taħt il-kodiċi 1010 ta' din it-tabella. Huma inklużi l-primjums ta' assicurazzjoni għall-bini.

5061. Taxxi u drittijiet oħrajn marbuta mal-azjenda agrikola

It-taxxi u d-drittijiet l-oħrajn kollha relatati mal-kummerċ tal-azjenda agrikola, inklużi dawk imposti f'konnessjoni mal-miżuri ta' ħarsien ambjentali, imma esklużi l-VAT u t-taxxi imposti fuq art, bini jew xogħol. Taxxi diretti fuq id-dħul tad-detentur ma għandhomx jingħaddu mal-ispejjeż tar-razzett.

5062. Taxxi u ħlasijiet oħrajn fuq art u bini

Taxxi, rati u ħlasijiet oħrajn pagabbli fir-rigward ta' titolu ta' proprjetà ta' art agrikola u bini okkupati mis-sid jew taħt skemi ta' qsim tal-uċuħ tar-raba'.

5070. Kera mħallsa

Kera mħallsa (fi flus kontanti jew *in natura*) għal art mikrija, bini, kwoti u drittijiet oħrajn għall-kummerċ tar-razzett. Għandha tiddaħħal biss il-parti kummerċjali tal-irziezet u ta' bini ieħor mikri. Spejjeż ta' kiri ta' kwoti mhux marbuta mal-art għandhom jiddaħħlu wkoll fit-Tabella E.

5071. Kera mħallsa għall-art**5080. Imgħax u ħlasijiet finanzjarji mħallsa**

Imgħaxijiet u ħlasijiet finanzjarji fuq kapital misluf (self) miksub għall-iskopijiet tar-razzett. Din l-informazzjoni hija obbligatorja.

Sussidji fuq interessi m'għandhomx jitnaqqsu, imma għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M taħt il-kodiċi 3550.

5090. Spejjeż ġenerali oħrajn tal-biedja

L-ispejjeż l-oħrajn kollha tal-biedja mhux imsemmija taħt il-kodiċi preċedenti (miżati ta' kontabilisti, servizzi segretarjali u spejjeż tal-uffiċċju, spejjeż tat-telefown, kontribuzzjonijiet u abbonamenti mħalltin, eċċ.).

Tabella I.

Uċuħ tar-raba'

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' wċuħ tar-raba'		Kodiċi (*)							
Tip ta' wċuħ tar-raba'		Kodiċi (**)							
Dejta nieqsa		Kodiċi (***)							
Grupp ta' informazzjoni				Kolonna					
				Erja totali	Parti msaqqija	Parti għat- tkabbir ta' wċuħ għall-enerġija	Parti għall-OĠM	Kwantità	Valur
				TA	IR	EN	GM	Q	V
A	Erja							—	—
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	—	—	—	—	—	—	—	
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	—	—	—	—	—	—	—	
PR	Produzzjoni	—	—	—	—	—	—	—	—
SA	Bejgħ	—	—	—	—	—	—	—	
FC	Awtokonsum u benefiċċji <i>in natura</i>	—	—	—	—	—	—	—	
FU	Użu tar-razzett	—	—	—	—	—	—	—	

Għall-kategorija ta' wċuħ tar-raba' għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
	Ċereali għall-produzzjoni ta' qmuħ (inklużi ż-żrieragħ)
10110	Qamħ komuni u spelt
10120	Qamħ durum
10130	Segala
10140	Xgħir

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
10150	Ħafur
10160	Żerriegħa tal-qamħirrun
10170	Ross
10190	Ċereali oħrajn għall-produzzjoni tal-qmuħ
	Legumi mnixxfen kif ukoll uċuħ tar-raba' mkabbra għall-proteini għall-produzzjoni ta' qmuħ (inklużi żrieragħ u taħlitiet ta' ċereali u legumi)
10210	Piżelli, favetta u lupini ħelwin
10220	Għads, ċiċri u ġulbiena
10290	Uċuħ tar-raba' oħra mkabbra għall-proteini
10300	Patata (inkluża patata bikrija u żerriegħa)
10310	Patata għal-lamtu
10390	Patata oħra
10400	Pitravi żokkrija (eskluzja ż-żerriegħa)
10500	Għeruq tal-għalf u brassika (eskluzja ż-żerriegħa)
	Pjanti industrijali
10601	Tabakk
10602	Hops
10603	Qoton
10604	Lift u lift tan-nevew
10605	Ġirasol
10606	Soja
10607	Żerriegħa tal-kittien (kittien taż-żejt)
10608	Uċuħ tar-raba' oħrajn b'żerriegħa taż-żejt
10609	Kittien
10610	Qanneb
10611	Pjanti oħra mkabbra għall-fibra
10612	Pjanti aromatiċi, mediċinali u tal-kċina
10613	Kannamiela
10690	Uċuħ tar-raba' industrijali oħra mhux imsemmija xi mkien ieħor
	Ħaxix frisk, bettieħ u frawli li minnhom:
	Ħaxix frisk, bettieħ u frawli li minnhom - Fil-beraħ jew taħt għata protettiva baxxa (mhux aċċessibbli)
10711	Ħaxix frisk, bettieħ u frawli li minnhom - Fil-beraħ
10712	Ħaxix frisk, bettieħ u frawli li minnhom - Ġardinaġġ kummerċjali
10720	Ħaxix frisk, bettieħ u frawli li minnhom - Taħt il-ħġieġ jew taħt għata protettiva oħra (aċċessibbli)

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
	Dettalji għas-subkategoriji kollha ta' "Ħaxix frisk, bettieħ u frawli":
10731	Pastard u brokkli
10732	Ħass
10733	Tadam
10734	Qamħirrum ħelu
10735	Basal
10736	Tewm
10737	Zunnarija
10738	Frawli
10739	Bettieħ
10790	Ħaxix ieħor
	Fjuri u pjanti ornamentalni (esklużi l-imxietel)
10810	Fjuri u pjanti ornamentalni - Fil-beraħ jew taħt għata protettiva baxxa (mhux aċċessibbli)
10820	Fjuri u pjanti ornamentalni - Taħt il-ħgiegħ jew taħt għata protettiva oħra (aċċessibbli)
	Dettalji għas-subkategoriji kollha ta' "Fjuri u pjanti ornamentalni (esklużi l-imxietel)":
10830	Basal, basal tal-qasab u tuberi
10840	Fjuri maqtugħin u blanzuni
10850	Fjuri u pjanti ornamentalni.
	Pjanti li jinħasdu ħodor
10910	Ħaxix temporanju
	Pjanti oħra li jinħasdu ħodor:
10921	Qamħirrum aħdar
10922	Pjanti leguminużi
10923	Pjanti oħrajn tal-ħsad bikri li m'humix imsemmija band' oħra
11000	Żerriegħa u nebbieta fuq art li tista' tinħarat
11100	Uċuħ tar-raba' oħra fuq art li tista' tinħarat
	Art mhux maħduma
11210	Art mhux maħduma mingħajr l-ebda sussidji
11220	Art mhux maħduma suġġetta għall-ħlas ta' sussidji, mingħajr użu ekonomiku
11300	Art lesta għaż-żriġħ mikrija lil oħrajn, inkluża art li titpoġġa għad-dispożizzjoni ta' impjegati bħala benefiċċju <i>in natura</i> .
20000	Ġonna domestiċi
	Bwar permanenti
30100	Merghat, esklużi l-mergħat foqra

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
30200	Mergħat foqra
30300	Mergħat permamenti li ma għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u li jkunu eleġibbli għall-ħlas ta' sussidji
	Uċuħ tar-raba' permanenti
	Speċi ta' frott, fosthom:
40111	Tuffieħ
40112	Lanġas
40113	Ħawħ u ċiprisk
40114	Frott ieħor taż-żoni bi klima moderata
40115	Frott taż-żoni subtropikali jew tropikali
40120	Speċi ta' frott żgħir bla għadam
40130	Ġewż
	Plantazzjonijiet taċ-ċitru
40210	Larinġ
40220	Mandolin, klementini u frott żgħir simili
40230	Lumi
40290	Frott taċ-ċitru ieħor
	Plantazzjonijiet taż-żebbuġ
40310	Żebbuġ tal-mejda
40320	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt (mibjugħ f'għamla ta' frott)
40330	Żejt taż-żebbuġa
40340	Prodotti sekondarji taż-żebbuġ
	Vinji
40411	Inbid ta' kwalità b'denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO)
40412	Inbid ta' kwalità b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)
40420	Inbejjed oħra
40430	Għeneb tal-mejda
40440	Żbib
40451	Għeneb għal inbid ta' kwalità b'denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO)
40452	Għeneb għal inbid ta' kwalità b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)
40460	Għeneb għal inbejjed oħra
40470	Prodotti mixxellanji tad-dwieli: most tal-għeneb, meraq, brandi, hall u oħrajn magħmula fir-razzett
40480	Prodotti sekondarji tad-dielja (karfa tal-għeneb, fond tal-inbid)
40500	Imxietel

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
40600	Uċuħ tar-raba' permanenti oħra
40610	li minnhom Siġar tal-Milied
40700	Uċuħ tar-raba' permanenti taħt il-ħġieġ
40800	Tkabbir ta' pjantazzjonijiet zġhar
	Artijiet oħra
50100	Art agrikola mhux utilizzata
50200	Imsaġar
50210	Li minnhom imsaġar ta' newba qasira
50900	Artijiet oħra (artijiet okkupati minn bini, btieħi tal-irziezet, passaġġi, għadajjar, barrieri, art infertili, blat, eċċ.)
60000	Faqqieġh
	Prodotti u dħul ieħor
90100	Dħul mill-kiri ta' artijiet agrikoli lil oħrajn
90200	Kumpens minn assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' mhux allokkabli lil uċuħ tar-raba' speċifiċi
90300	Prodotti sekondarji ta' wċuħ tar-raba' differenti miż-żebbuġ u d-dielja
90310	Tiben
90320	Fjur tal-pitravi taz-zokkor
90330	Prodotti sekondarji oħrajn
90900	Oħrajn

Il-kodiċi tat-tipi ta' wċuħ tar-raba' għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Mhux applikabbli: dan il-kodiċi għandu jintuża fil-każijiet ta' prodotti pproċessati, ħażniet u prodotti sekondarji.
1	Uċuħ tal-ġhalqa – uċuħ tar-raba' ewlenin, uċuħ tar-raba' kkombinati: l-uċuħ tal-ġhalqa ewlenin u kkombinati jikkonsistu f'dawn li ġejjin: — uċuħ tar-raba' waħdiena, jiġifieri li jkunu l-uniċi mkabbra f'żona partikolari matul is-sena ta' kontabbiltà, — uċuħ tar-raba' mħallta: uċuħ tar-raba' miżrugħa, ikkultivati u maħsuda flimkien u li jipproduċu taħlita bħala l-prodott finali, — uċuħ tar-raba' mkabbra suċċessivament matul is-sena ta' kontabbiltà f'żona partikolari, il-wiċċ tar-raba' li jdum l-aktar fl-art, — uċuħ tar-raba' mkabbra għal xi żmien flimkien fl-istess art u li kull wieħed minnhom normalment jipproduċi ħsad distint waqt is-sena ta' kontabbiltà. L-erja totali hija diviża bejn dawn l-uċuħ tar-raba' fi proporzjon mal-erja li tkun fil-fatt okkupata minn kull wieħed, — ħaxix frisk, bettieħ u frawli- f'għelieqi fil-miftuħ
2	Uċuħ tal-ġhalqa – uċuħ tar-raba' b'segwitu: l-uċuħ tal-ġhalqa b'segwitu jikkonsistu fuċuħ tar-raba' mkabbra wara xulxin matul is-sena ta' kontabbiltà f'żona partikolari u mhux meġjusa bħala wċuħ tar-raba' ewlenin.
3	Uċuħ tal-ġardinaġġ kummerċjali u fjuri mkabbra fil-miftuħ: l-uċuħ tal-ġardinaġġ kummerċjali u l-fjuri mkabbra fil-miftuħ jikkonsistu fi ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra f'għonna kummerċjali fil-miftuħ u fjuri u pjanti ornamentali mkabbra fil-miftuħ.
4	Uċuħ tar-raba' taħt kenn aċċessibbli: uċuħ tar-raba' taħt kenn aċċessibbli jikkonsistu fi ħxejjex friski, bettieħ u frawli taħt kenn, fjuri u pjanti ornamentali (annwali jew perenni) taħt kenn, uċuħ tar-raba' permanenti taħt kenn.

Il-kodiċijiet tad-dejta nieqsa għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
0	L-ebda dejta nieqsa
1	L-ebda entrata rigward l-erja: din il-kodiċi għandu jiddaħħal meta l-erja koperta mill-uċuh tar-raba' ma tkunx mogħtija, pereżempju fil-każ ta' bejgħ ta' prodotti ta' wċuh tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq, mixtrija bħala wċuh tar-raba' weqfin jew li jiġu minn art mikrija għal perjodu ta' inqas minn sena fuq bażi okkażjonali, u fil-każ ta' produzzjoni miksuba minn ipproċessar ta' prodotti tal-uċuh tar-raba'.
2	L-ebda entrata rigward il-produzzjoni (taħt kuntratt): dan il-kodiċi għandu jiddaħħal għall-uċuh tar-raba' taħt kuntratt meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, il-produzzjoni attwali ma tistax tiġi dikjarata.
3	L-ebda entrata rigward il-produzzjoni (mhux taħt kuntratt): dan il-kodiċi għandu jiddaħħal meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, il-produzzjoni attwali ma tistax tiġi dikjarata u l-uċuh tar-raba' ma jkunux taħt kuntratt.
4	L-ebda entrata rigward l-erja u l-produzzjoni: dan il-kodiċi għandu jiddaħħal meta l-erja u l-produzzjoni attwali jkunu nieqsa.

L-informazzjoni dwar il-produzzjoni tal-uċuh tar-raba' matul is-sena ta' kontabbiltà għandha tiġi rreġistrata fil-format tat-Tabella I "UĊUH TAR-RABA". L-informazzjoni dwar kull wiċċ tar-raba' għandha tiġi rreġistrata f'rekord separat. Il-kontenut tat-tabella huwa ddefinit billi jingħażlu l-kategorija ta' kodiċi tal-wiċċ tar-raba', it-tip ta' kodiċi tal-wiċċ tar-raba' u l-kodiċi tad-dejta nieqsa.

Informazzjoni ddetaljata rigward il-patata (kodiċijiet 10310, 10390), il-ħxejjex friski, il-bettieħ u l-frawli (kodiċijiet 10731, 10732, 10733, 10734, 10735, 10736, 10737, 10738, 10739, 10790), il-fjuri u l-pjanti ornamentali (kodiċijiet 10830, 10840, 10850) u l-prodotti sekondarji tal-uċuh tar-raba' differenti miż-żebbuġ u d-dielja (kodiċijiet 90310, 90320, 90330) għandha tiġi pprovduta biss jekk id-dejta tkun disponibbli fil-kontijiet tal-azzjenda agrikola.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA I

It-Tabella I fiha seba' ringieli, li fihom jidħlu l-gruppi ta' informazzjoni li ġejjin: l-erja (A), il-valutazzjoni tal-ftuħ (OV), il-valutazzjoni tal-għeluq (CV), il-produzzjoni (PR), il-bejgħ (SA), il-konsum tar-razzett u l-benefiċċji *in natura* (FC) u l-użu tar-razzett (FU).

It-Tabella I fiha sitt kolonni, fejn għal kull wiċċ tar-raba' għandhom jiġu rreġistrati l-erja totali (TA), l-erja li tissaqqa (IR), l-erja użata għal uċuh tar-raba' mkabbra għall-enerġija (EN), l-erja użata għall-produzzjoni ta' wċuh tar-raba' ġenetikament immodifikati (GM), il-kwantità tal-produzzjoni u bejgħ (Q) u l-valur (V). Fil-parti li ġejja huwa deskritt liema kolonni għandhom jimtlew għal kull grupp ta' informazzjoni:

LA Erja

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar l-erja (A), għandhom jiġu rreġistrati l-erja totali (TA), l-erja li tissaqqa (IR), l-erja użata għal uċuh tar-raba' mkabbra għall-enerġija (EN) u l-erja użata għall-produzzjoni ta' wċuh tar-raba' ġenetikament immodifikati (GM). F'kull wieħed mill-każijiet, l-erja għandha tingħata f'ares (100 ares = (1) ettaru), ħlief fil-każ tal-artijiet użati għat-*tkabbir tal-faqieġ*, fejn din tingħata f'metri kwadri.

LOV Valutazzjoni tal-ftuħ

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-ftuħ (OV), għandu jiġi rreġistrat il-valur (V) tal-prodotti maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà. Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett fil-jum tal-valutazzjoni.

LCV Valutazzjoni tal-għeluq

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-għeluq (CV), għandu jiġi rreġistrat il-valur (V) tal-prodotti maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà. Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett fil-jum tal-valutazzjoni.

LPR Produzzjoni

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar il-produzzjoni (PR), għandhom jiġu rreġistrati l-kwantitajiet ta' wċuh tar-raba' prodotti (Q) matul is-sena ta' kontabbiltà (eskluż kwalunkwe telf fl-għelieqi u fir-razzett). Dawn il-kwantitajiet huma indikati għall-prodotti prinċipali tal-azzjenda (ħlief prodotti sekondarji).

Dawn il-kwantitajiet għandhom jingħataw fi qnatar (100 kg), bl-eċċezzjoni tal-inbid u l-prodotti relatati mal-inbid, li jingħataw f'ettoltri. Meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tiġi ddeterminata l-produzzjoni attwali fi qnatar (ara l-bejgħ ta' wċuh tar-raba' wieqfa u l-uċuh tar-raba' taħt kuntratt), għandu jiddaħħal il-kodiċi tad-dejta nieqsa 2 għall-uċuh tar-raba' taħt kuntratt, u l-kodiċi 3 għall-bqija tal-każijiet.

I.SA Bejgħ totali

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar il-bejgħ totali (SA), għandhom jiġu rreġistrati l-kwantità tal-bejgħ (Q) u l-valur tal-bejgħ (V) tal-prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà u ta' dawk maħsuda matul is-sena. Meta l-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni — jekk ikun hemm — ikunu magħrufa, m'għandhomx jitnaqqsu mit-total tal-bejgħ, iżda għandhom jitniżżlu fit-Tabella H "MEZZI TA' PRODUZZJONI".

I.FC Awtokonsum u benefiċċji in natura

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar l-awtokonsum u l-benefiċċji in natura (FC), għandhom jiġu rreġistrati l-valur (V) tal-prodotti kkonsumati minn min jogħhod mad-detentur tal-unità domestika u/jew użati għall-ħlas in natura għal prodotti u servizzi (inkluża rimunerazzjoni in natura). Il-prodotti inkwistjoni huma vvalutati skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett.

I.FU Użu tar-razzett

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar l-użu tar-razzett (FU), għandhom jiġu rreġistrati l-valur (V) f'xatbet ir-razzett tal-prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni fl-azjenda matul is-sena. Dawn jinkludu:

— għalf tal-bhejjem:

il-valur, skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett, tal-prodotti tal-azjenda li jistgħu jinbiegħu (prodotti li bħalissa jistgħu jitqiegħdu fis-suq) u li matul is-sena ntużaw bħala għalf tal-annimali. It-tiben tal-azjenda użat fir-razzett (bħala għalf u friex) huwa vvalutat biss fil-każijiet fejn ikun prodott li jista' jinbiegħ fir-reġjun u fis-sena inkunsiderazzjoni. Il-prodotti kkonċernati huma vvalutati bil-prezz tal-bejgħ "f'xatbet ir-razzett":

— żrieragħ:

il-valur, skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett, tal-prodotti tal-azjenda agrikola li jistgħu jinbiegħu u li jkunu ntużaw bħala żrieragħ għall-uċuħ tar-raba' matul is-sena,

— użu ieħor tar-razzett (inklużi prodotti magħmula mill-azjenda użati biex jitħejja l-ikel għal persuni li jkunu qattgħu l-vaganzi tagħhom fir-razzett).

Tabella J.

Produzzjoni tal-bhejjem

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' bhejjem		Kodiċi (*)		
Grupp ta' informazzjoni		Kolonna		
		Għadd medju	Għadd	Valur
		A	N	V
AN	Għadd medju		—	—
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	—		
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	—		
PU	Xiri	—		
SA	Bejgħ totali	—		
SS	Bejgħ għall-qtil	—		
SR	Bejgħ għat-trobbija/għat-tgħammir	—		
SU	Bejgħ bi skop mhux magħruf	—		
FC	Konsum tar-razzett	—		
FU	Użu tar-razzett	—		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
100	Equidae
210	Annimali bovini ta' inqas minn sena, irġiel u nisa
220	Annimali bovini fl-età ta' bejn sena u sentejn, irġiel
230	Annimali bovini i fl-età ta' bejn sena u sentejn, nisa
240	Annimali bovini rġiel fl-età ta' mill-inqas sentejn
251	Erieħ għat-tgħammir
252	Erieħ għat-tismin
261	Baqar tal-ħalib
262	Buflī nisa
269	Baqar oħrajn
311	Nagħaġ, nisa għat-tgħammir
319	Nagħaġ oħra
321	Mogħoż, nisa għat-tgħammir
329	Mogħoż oħra
410	Frieħ tal-ħnieżer b'piż ħaj ta' inqas minn 20 kg
420	Ħnieżer nisa tat-tgħammir ta' 50 kg jew iżjed
491	Ħnieżer għat-tismin
499	Ħnieżer oħra
510	Tjur - kapuċċelli
520	Tiġieġ li jbidu
530	Tjur oħra
610	Fniek, nisa għat-tgħammir
699	Fniek oħra
700	Nahal
900	Annimali oħra

Kategoriji ta' bhejjem

Wieħed għandu jiddistingwi bejn l-istokkijiet li ġejjin:

- 100. Equidae
Jinkludu wkoll żwiemel tat-tlielaq u tal-irkib, ħmir, bgħula eċċ.
- 210. Annimali bovini ta' inqas minn sena, irġiel u nisa
- 220. Annimali bovini fl-età ta' bejn sena u sentejn, irġiel
- 230. Annimali bovini fl-età ta' bejn sena u sentejn, nisa
Huma esklużi l-annimali bovini nisa mħabbla.
- 240. Bovini rġiel fl-età ta' mill-inqas sentejn

251. Erieħ għat-tgħammir
Annimali bovini nisa ta' sentejn jew iżjed li jkunu għadhom ma welldux u li mhumiex intenzjonati għat-tgħammir.
252. Erieħ għat-tismin
Annimali bovini nisa ta' sentejn jew iżjed li jkunu għadhom ma welldux u li mhumiex intenzjonati għat-tgħammir.
261. Baqar tal-ħalib
Annimali bovini nisa li jkunu welldu (inklużi dawk ta' inqas minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar fi prodotti tal-ħalib. Huma inklużi l-baqar tal-ħalib maqtula.
262. Bufli nisa
Bufli li jkunu welldu (inklużi dawk ta' inqas minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar fi prodotti tal-ħalib. Huma inklużi l-bufli nisa maqtula.
269. Baqar oħrajn
1. Annimali bovini nisa li jkunu welldu (inklużi dawk ta' inqas minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-għoġġiela u li l-ħalib tagħhom ma jintużax għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar bħala prodotti tal-ħalib.
 2. Baqar għax-xogħol.
 3. Baqar mhux tal-ħalib maqtula (kemm jekk ikunu imsemmna qabel il-qtil u kemm jekk le).
- Il-kategoriji mill-210 sal-252 u 269 jinkludu wkoll il-kategoriji korrispondenti ta' bufli u bufli nisa.
311. Nagħaġ, nisa għat-tgħammir
Nagħaġ ta' sena jew iżjed intenzjonati għat-tgħammir.
319. Nagħaġ oħra
Nagħaġ ta' kull età, ħlief għan-nisa.
321. Mogħoż, nisa għat-tgħammir
329. Mogħoż oħra
Mogħoż apparti minn nisa għat-tgħammir.
410. Frieħ tal-ħnieżer b'piż ħaj ta' inqas minn 20 kg
Frieħ tal-ħnieżer b'piż ħaj ta' inqas minn 20 kg.
420. Ħnieżer nisa tat-tgħammir ta' 50 kg jew iżjed
Ħnieżer nisa tat-tgħammir ta' 50 kg jew iżjed ħlief għall-ħnieżer nisa maqtula (ara l-kategorija 499 "Ħnieżer oħra").
491. Ħnieżer għat-tismin
Ħnieżer għat-tismin b'piż ħaj ta' 20 kg jew iżjed, esklużi ħnieżer nisa u rġiel maqtula (ara l-kategorija 499 "Ħnieżer oħra").
499. Ħnieżer oħra
Ħnieżer b'piż ħaj ta' 20 kg jew iżjed, esklużi ħnieżer nisa għat-tgħammir (ara l-kategorija 420) u ħnieżer għat-tismin (ara l-kategorija 491).
510. Tjur - kapuċċelli
Tiġieġ tal-mejda. Esklużi tiġieġ li jbidu u tiġieġ maqtula. Mhux inklużi flieles.
520. Tiġieġ li jbidu
Inklużi għewietaq, tiġieġ li jbidu, tiġieġ maqtula u sriedaq għat-tgħammir għat-tiġieġ li jbidu. L-għewietaq huma tiġieġiet zġħar li jkunu għadhom ma bdewx ibidu. Mhux inklużi flieles.

530. Tjur oħra

Inklużi papri, dundjani, wiżż, fargħuni, nġham u rġiel għat-tgħammir (ħlief tiġieġ li jbidu). Jinkludu nisa għat-tgħammir. Mhux inklużi flieles.

610. Fniek, nisa għat-tgħammir

699. Fniek oħra

700. Naħal

Għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' ġarar okkupati.

900. Annimali oħra

Huma inklużi flieles, ċriev, biżonti u ħut. Inklużi poni u annimali oħrajn użati għat-turiżmu tal-farms. Esklużi prodotti ta' annimali oħrajn (ara t-Tabella K, kategorija 900).

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI TAT-TABELLA J

J.AN. Għadd medju (għandu jiġi rreġistrat biss għall-kolonna A)

Kull unità tirreferi għall-preżenza ta' animal wieħed fl-azjenda għal sena. L-annimali għandhom jingħaddu bi proporzjon skont it-tul ta' żmien li jkunu għamlu fl-azjenda matul is-sena ta' kontabbiltà.

L-għadd medju huwa ddeterminat permezz ta' inventarji perjodiċi jew billi jitniżżlu l-wasliet u t-tluq. Dan jinkludi l-annimali kollha preżenti fl-azjenda, anki annimali mrobbija jew imsemmna taħt kuntratt (annimali li ma jappartjenux għall-kumpanija, li jitrabbew jew huma msemmna hemmhekk b'tali manjiera li l-attività tikkostitwixxi biss servizz mogħti mid-detentur, li ma jassumix ir-riskju finanzjarju normalment assoċjat mat-trobbija jew it-tismin ta' dawn l-annimali) u annimali meħuda jew mogħtija għar-rigħi għall-perjodu tas-sena li matulu jkunu preżenti fl-azjenda.

Għadd medju (kolonna A)

L-għadd medju għandu jiġi espress sa żewġ punti deċimali.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi pprovduta għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

J.OV Valutazzjoni tal-ftuħ

L-għadd ta' bhejjem li jappartjenu għall-azjenda fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà, kemm jekk ikunu fl-azjenda u kemm jekk le f'dak il-ħin.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' rjus jew skont l-għadd ta' ġarar tan-naħal, sa żewġ punti deċimali.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi pprovduta għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

J.CV Valutazzjoni tal-ġheluq

L-għadd ta' bhejjem li jappartjenu għall-azjenda fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà, kemm jekk ikunu fl-azjenda u kemm jekk le f'dak il-ħin.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' rjus jew skont l-għadd ta' ġarar tan-naħal, sa żewġ punti deċimali.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi pprovduta għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

J.PU Xiri

Irriferi għat-total tal-bhejjem mixtrija matul is-sena ta' kontabbiltà.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' rjus, sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi pprovduta għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tax-xiri jinkludi l-ispejjeż tax-xiri. L-għotjiet u s-sussidji relatati ma jitnaqqsu mit-total ta' dan ix-xiri, iżda huma speċifikati fit-Tabella M "SUSSIDI" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet mill-5100 sal-5900).

J.SA Bejgħ totali

Jirreferi għat-total tal-bhejjem mibjugħa matul is-sena ta' kontabbiltà.

Jinkludi l-bejgħ lil konsumaturi, għall-konsum taġġhom stess, ta' bhejjem jew ta' laħam, kemm jekk l-annimali jinqatlu fir-razzett u kemm jekk le.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' rjus, sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Meta l-ispejjeż tat-tqegħid fis-suq — jekk ikun hemm — ikunu magħrufa, dawn ma jitnaqqsu mill-bejgħ totali, iżda dawn l-ispejjeż għandhom jingħataw taħt il-kodiċi 2090 ("Spejjeż speċifiċi oħra tal-bhejjem"). L-għotjiet u s-sussidji relatati mhumiex inklużi fil-bejgħ totali, iżda huma speċifikati fit-Tabella M "SUSSIDI" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet mill-2110 sal-2900).

J.SS Bejgħ għall-qtil

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa għall-qtil matul is-sena ta' kontabbiltà. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-erieħ għat-tgħammir (kodiċi 251), in-naħal (kodiċi 700) u l-annimali l-oħrajn (kodiċi 900).

Għadd (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.SR Bejgħ għat-trobbija/għat-tgħammir

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa għal trobbija ulterjuri jew għat-tgħammir matul is-sena ta' kontabbiltà. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-erieħ għat-tismin (kodiċi 252), in-naħal (kodiċi 700) u l-annimali l-oħrajn (kodiċi 900).

Għadd (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.SU Bejgħ bi skop mhux magħruf

Jirreferi għall-bhejgħ mibjugħa għal skop mhux magħruf matul is-sena ta' kontabbiltà. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għan-naħal (kodiċi 700) u l-annimali l-oħrajn (kodiċi 900).

Għadd (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.FC Konsum tar-razzett u benefiċċji in natura

Jirreferi għall-bhejgħ ikkonsmati min-nies li joqgħodu fir-razzett jew użati għal benefiċċji *in natura* matul is-sena ta' kontabbiltà.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejgħ għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' rjus, sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi pprovduta għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejgħ għandu jiġi ddeterminat bil-valur ġust.

J.FU Użu tar-razzett

Jirreferi għall-bhejgħ użati fl-azjenda bħala mezzi ta' produzzjoni għall-ipproċessar ulterjuri fil-kuntest tal-attivitajiet l-oħrajn bi skop ta' qligħ matul is-sena ta' akkomodazzjoni. Huma inklużi bhejgħ użati:

- għall-kejtering, akkomodazzjoni għat-turisti
- għall-ipproċessar ta' bhejgħ għall-immanifatturar ta' prodotti tal-laħam u għalf

Huwa eskluż il-bejgħ ta' bhejgħ jew ta' laħam, kemm jekk l-annimali jinqatlu fir-razzett u kemm jekk le (ara l-informazzjoni dwar il-bejgħ SA).

Dan il-valur jitniżżel ukoll fit-Tabella H, bħala spejjeż marbuta ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ, bl-użu tal-kodiċi 4070 (spejjeż speċifiċi għall-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-annimali).

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejgħ għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' rjus, sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi pprovduta għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejgħ għandu jiġi ddeterminat bil-valur ġust.

Tabella K.

Prodotti tal-annimali u servizzi relatati

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' prodotti tal-annimali jew ta' servizzi	Kodiċi (*)
Dejta nieqsa	Kodiċi (**)

		Kolonna	
		Kwantità	Valur
Grupp ta' informazzjoni		Q	V
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ		
CV	Valutazzjoni tal-għeluq		

Grupp ta' informazzjoni		Kolonna	
		Kwantità	Valur
		Q	V
PR	Produzzjoni		—
SA	Bejgħ		
FC	Konsum tar-razzett		
FU	Użu tar-razzett		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
261	Ħalib tal-baqar
262	Ħalib tal-bufli
311	Ħalib tan-nagħaġ
321	Ħalib tal-mogħoż
330	Suf
531	Bajd għall-konsum mill-bniedem (mit-tjur kollha)
532	Bajd għat-tifqis (mit-tjur kollha)
700	Għasel u prodotti ġejjin miż-żamma tan-naħal
800	Demel
900	Prodotti oħra tal-annimali
1100	Trobbija bil-kuntratt
1120	Baqar taħt kuntratt
1130	Nagħaġ u/jew mogħoż taħt kuntratt
1140	Ħnieżer taħt kuntratt
1150	Tjur taħt kuntratt
1190	Annimali oħra taħt kuntratt
1200	Servizzi oħra relatati mal-annimali

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.
2	Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni tal-annimali taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q).
3	Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q) u l-produzzjoni tal-annimali ma tkunx taħt kuntratt.
4	Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

Kategoriji ta' prodotti tal-annimali u servizzi relatati

Wieħed għandu jiddistingwi bejn il-kategoriji ta' prodotti tal-annimali u servizzi relatati li ġejjin:

- 261. Ħalib tal-baqar
- 262. Ħalib tal-baqar tal-bufla
- 311. Ħalib tan-nagħaġ
- 321. Ħalib tal-mogħoż
- 330. Suf
- 531. Bajd għall-konsum mill-bniedem (mit-tjur kollha)
- 532. Bajd għat-tifqis (mit-tjur kollha)
- 700. Għasel u prodotti ġejjin miż-żamma tan-naħal: għasel, idromel u prodotti kif ukoll prodotti sekondarji oħrajn miż-żamma tan-naħal.
- 800. Demel
- 900. Prodotti oħra tal-annimali (ħlasijiet għall-kiri ta' żwiemel tar-razza għat-tgħammir, embriji, xema', fwied tal-wiżż jew tal-papri, ħalib ta' annimali oħra, eċċ.)
- 1100. Trobbija bil-kuntratt
 - Ammont ta' dħul minn trobbija b'kuntratt li jikkorrispondi primarjament għal ħlas għal servizzi mogħtija u meta d-detentur ma jassumix ir-riskju ekonomiku normalment involut fit-trobbija u s-sinna ta' dawn l-annimali.
 - Dettalji tal-kategorija 1100 "Trobbija bil-kuntratt":*
 - Id-dettalji għandhom jiddaħħlu jekk ikunu disponibbli fil-kontijiet tal-azjenda.
 - 1120. Baqar taħt kuntratt
 - 1130. Nagħaġ u/jew mogħoż taħt kuntratt
 - 1140. Ħnieżer taħt kuntratt
 - 1150. Tjur taħt kuntratt
 - 1190. Annimali oħra taħt kuntratt
- 1200. Servizzi oħra relatati mal-annimali
 - Dħul għal servizzi oħra relatati mal-annimali (ħlasijiet marbuta ma' rigħi, eċċ.)

Kodiċi tad-dejta nieqsa

Għandhom jintużaw il-kodiċi li ġejjin għad-dejta nieqsa:

- Kodiċi 0: Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.
- Kodiċi 2: Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni tal-annimali taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q).
- Kodiċi 3: Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q) u l-produzzjoni tal-annimali ma tkunx taħt kuntratt.
- Kodiċi 4: Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA K

Għad-demel (kodiċi 800) għandha tiġi pprovduta biss l-informazzjoni dwar il-bejgħ (SA) fil-kolonna valur (V).

Għall-prodotti l-oħra tal-annimali (kodiċi 900), l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta bħala valur biss (fil-kolonna V) billi l-kwantità ma tistax tiġi pprovduta għal grupp magħmul minn prodotti eteroġeni.

Għal servizzi relatati mal-annimali bħat-trobbija bil-kuntratt (kodiċijiet mill-1100 sal-1190) u oħrajn (kodiċi 1200), l-unika informazzjoni li għandha tiġi pprovduta tirrigwarda d-dħul, li għandu jitniżżel taħt l-informazzjoni dwar il-bejgħ (SA) fil-kolonna tal-valur (V).

Kwantità (kolonna Q)

Dawn il-kwantitajiet għandhom ikunu indikati fi qnatar (100 kg), ħlief għall-każ tal-bajd (kodiċijiet 531 u 532), fliema każ għandhom jingħataw f'eluf.

Fil-każ tal-għasel u l-prodotti l-oħra li ġejjin miż-żamma tan-naħal (kodiċi 700), il-kwantità hija espressa f'“ekwivalenti ta' għasel”.

K.OV Valutazzjoni tal-ftuħ

Il-prodotti maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà, esklużi l-bhejjem.

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust f'jum il-valutazzjoni.

K.CV Valutazzjoni tal-għeluq

Il-prodotti maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà, esklużi l-bhejjem.

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust f'jum il-valutazzjoni.

K.PR Produzzjoni matul is-sena ta' kontabbiltà

Kwantità (kolonna Q)

Il-kwantitajiet ta' prodotti tal-annimali prodotti waqt is-sena ta' kontabbiltà (eskluż kull telf). Dawn il-kwantitajiet huma indikati għall-prodotti prinċipali tal-azjenda (ħlief prodotti sekondarji). Hija inkluża l-produzzjoni użata għall-ipproċessar fil-qafas ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ relatati mal-azjenda.

Ħalib li jerdgħu l-għoġġiela mhuwiex inkluż fil-produzzjoni.

K.SA Bejgħ

It-total tal-prodotti mibjugħa matul is-sena ta' kontabbiltà, li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew ġew prodotti matulha.

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-valur totali tal-bejgħ (irrispettivament jekk il-qligħ ikunx wasal matul is-sena ta' kontabbiltà jew le) ta' prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew li ġew prodotti matulha.

It-total tal-prodotti mibjugħa jinkludi l-valur tal-prodotti rritornati lir-razzett (ħalib xkumat, eċċ.). Il-valur ta' dawn tal-aħħar għandu jitniżżel ukoll taħt l-ispejjeż tar-razzett.

Kull ħlas ta' kumpens (pereżempju ħlasijiet ta' assigurazzjoni) waqt is-sena ta' kontabbiltà għandu jidded ukoll mat-total għall-bejgħ tal-prodotti kkonċernati kull meta jkun jista' jiġi allokat għall-produzzjoni ta' prodotti ta' din ix-xorta. Inkella għandu jiddaħħal taħt il-kodiċi 900 "Prodotti oħra tal-annimali".

Għotjiet u sussidji riċevuti għal prodotti matul is-sena ta' kontabbiltà mhumiex inklużi fit-total ta' bejgħ; għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M "SUSSIDIJI" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet bejn l-2110 u l-2900).

Meta l-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni – jekk ikun hemm – ikunu magħrufa, ma għandhomx jitnaqqsu mit-total tal-bejgħ, iżda għandhom jitniżżlu fit-Tabella H taħt il-kodiċi 2090 "Spejjeż speċifiċi oħra tal-bhejjem".

K.FC Konsum tar-razzett u benefiċċji in natura

Prodotti kkonsumati mill-unità domestika tad-detentur u/jew użati għal ħlasijiet *in natura* ta' oġġetti u servizzi (inkluża rimunerazzjoni *in natura*). Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għall-bajd għat-tifqis (kodiċi 532).

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust.

K.FU Użu tar-razzett

Prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni fl-azjenda matul is-sena. Dawn jinkludu:

- għalf tal-bhejjem: il-prodotti tal-azjenda li jistgħu jinbiegħu (prodotti li bħalissa jistgħu jitqiegħdu fis-suq) u li matul is-sena ntużaw bħala għalf tal-annimali. Il-ħalib li jerdgħu l-għoġġiela mhumiex inkluż fl-użu tar-razzett.
- Prodotti użati fil-qafas tal-attivitajiet l-oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda agrikola:
 - kejtering, akkomodazzjoni ta' turisti, eċċ.
 - għal ipproċessar ulterjuri (ħalib ipproċessat biex minnu jsiru butir, ġobon, eċċ.)

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust. Dawn il-valuri għandhom jiddaħħlu wkoll taħt l-ispejjeż tar-razzett.

Tabella L.

Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda agrikola

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ		Kodiċi (*)	
Dejta nieqsa		Kodiċi (**)	
Grupp ta' informazzjoni		Kolonna	
		Kwantità	Valur
		Q	V
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	—	
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	—	
PR	Produzzjoni		—
SA	Bejgħ	—	
FC	Konsum tar-razzett	—	
FU	Użu tar-razzett	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
261	L-ipproċessar tal-ħalib tal-baqar
262	L-ipproċessar tal-ħalib tal-bufla
311	L-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ
321	L-ipproċessar tal-ħalib tal-mogħoż
900	L-ipproċessar ta' laħam jew prodotti oħra tal-annimali
1010	L-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba'
1020	Forestrija u pproċessar tal-injam
2010	Xogħol b'kuntratt
2020	Turiżmu, akkomodazzjoni, keġtering u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ
2030	Produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli
9000	"Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ" oħra direttament relatati mal-azjenda agrikola

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.
1	Il-Kodiċi 1 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn il-produzzjoni ssir bl-ipproċessar ta' prodotti tal-bhejjem jew tal-uċuħ tar-raba' mixtrija.
2	Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q).
3	Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q) u l-produzzjoni ma tkunx taħt kuntratt.
4	Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

Id-definizzjoni ta' "Attivitajiet Oħra bi Skop ta' Qligħ" (OGA) hija l-istess bħal dik stabbilita fil-punt VI tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009 ⁽¹⁾ u fit-tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli (l-Artikolu 4 u l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1242/2008). Din id-definizzjoni ssegwi, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, il-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE rev.2) u l-Manual of Economic Accounts for Agriculture and Forestry (il-Manwal tal-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agricoltura u l-Forestrija) EAA/EAF 97 rev.1.1.

L-OGA direttament relatati mal-azjenda agrikola jirreferu għall-attivitajiet mhux agrikoli li jkollhom impatt ekonomiku fuq l-azjenda u li jkunu qed jużaw ir-riżorsi agrikoli (mezzi ta' produzzjoni jew prodotti) tal-azjenda.

F'dan il-kuntest, attivitajiet bi skop ta' qligħ ifissru xogħol attiv; għaldaqstant, huma esklużi investimenti purament finanzjarji. Il-kiri ta' artijiet jew riżorsi agrikoli oħra tar-razzett għal diversi attivitajiet mingħajr ma jkun hemm involviment ulterjuri f'dawn l-attivitajiet lanqas ma jitqiesx bħala attività oħra bi skop ta' qligħ, iżda jitqies bħala parti mill-attività agrikola tal-azjenda.

Kull ipproċessar ta' prodotti tar-razzett jitqies bħala attività oħra bi skop ta' qligħ għajr f'każijiet fejn l-ipproċessar jitqies bħala parti mill-attività agrikola. Għaldaqstant, l-ipproċessar tal-inbid u l-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa huma esklużi jekk il-proporzjon mixtri ta' nbid jew żejt taż-żebbuġa ma jkunx sinifikanti.

Kull ipproċessar ta' prodott agrikolu primarju sabiex minnu jsir prodott sekondarju fl-azjenda, irrspettivament jekk il-materjal mhux maħdum huwiex prodott fl-azjenda jew mixtri minn barra, jitqies attività oħra bi skop ta' qligħ. Dan jinkludi l-ipproċessar tal-laħam, il-produzzjoni ta' ġobon, eċċ.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi (ĠU L 329, 15.12.2009, p. 1).

Kategoriji ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda agrikola

Wieħed għandu jiddistingwi l-kategoriji li ġejjin ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ:

261. L-ipproċessar tal-ħalib tal-baqar
262. L-ipproċessar tal-ħalib tal-bufl
311. L-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ
321. L-ipproċessar tal-ħalib tal-mogħoż
900. L-ipproċessar ta' laħam jew prodotti oħra tal-animali
1010. L-ipproċessar ta' prodotti tal-uċuħ tar-raba', ħlief inbid u żejt taż-żebbuġa. Hija inkluża l-produzzjoni tal-alkoħol li mhux ġej mill-għeneb, ċidru jew perri
1020. Forestrija u pproċessar tal-injam. Huwa kopert il-bejgħ ta' injam maqtuġħ u wieqaf, ta' prodotti tal-forestrija apparti mill-injam (sufra, raża tal-arżnu, eċċ.). u l-injam ipproċessat matul is-sena ta' kontabbiltà.
2010. Xogħol b'kuntratt għal ħaddieħor. Il-kiri ta' tagħmir tal-azjenda mingħajr ħaddiema tar-razzett jew l-użu ta' ħaddiema tar-razzett biss f'xogħol b'kuntratt ma jitqisux bħala attività oħra bi skop ta' qligħ, iżda bħala parti mill-attività agrikola.
2020. Turiżmu, akkomodazzjoni, kejtering u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ. Dawn jinkludu l-kera ġġenerata mit-turiżmu (siti ta' kampeġġ, djar fil-kampanja, faċilitajiet ta' rkib, kaċċa, sajd, eċċ.).
2030. Produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli. Tkopri l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli għas-suq, inklużi l-bijogass, il-bijofjuwils jew l-elettriku, permezz ta' turbini tar-riħ jew tagħmir ieħor jew minn materja prima agrikola. Teskludi dawn li ġejjin billi jitqiesu bħala parti mill-attività agrikola tal-azjenda:
- il-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli li jintużaw biss mid-detentur tal-azjenda stess
 - il-kiri ta' artijiet jew ta' bjut purament għal skopijiet ta' stallazzjoni bħal irdieden tar-riħ jew pannelli fotovol-tajċi.
 - il-bejgħ ta' materjal mhux maħdum lil impriża oħra għall-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli.
9000. "Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ" oħra direttament relatati mal-azjenda. Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda mhux imsemmija xi mkien ieħor.

Kodiċi tad-dejta nieqsa

Għandhom jintużaw il-kodiċi li ġejjin għad-dejta nieqsa:

- Kodiċi 0: Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.
- Kodiċi 1: Il-Kodiċi 1 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn il-produzzjoni ssir bl-ipproċessar ta' prodotti tal-bhejtem jew tal-uċuħ tar-raba' mixtrija.
- Kodiċi 2: Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q).
- Kodiċi 3: Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni attwali (kolonna Q) u l-produzzjoni ma tkunx taħt kuntratt.
- Kodiċi 4: Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA L

Kwantità (kolonna Q)

Dawn il-kwantitajiet għandhom jingħataw fi qnatar (100 kg).

Fil-każ tal-prodotti pproċessati mill-ħalib (kodiċijiet 261, 262, 311 u 321), hija indikata l-kwantità ta' ħalib likwidu irrispettivament mill-għamla li fiha jinbiegħ, jiġi kkonsumat fir-razzett jew jintuża għal benefiċċji *in natura* jew għall-finijiet tar-razzett (krema, butir, ġobon, eċċ.).

L.OV Valutazzjoni tal-ftuħ

Il-prodotti li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020), il-produzzjoni tal-enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030) u "Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ" oħra direttament relatati mal-azjenda (kodiċi 9000).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-prodotti għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

L.CV Valutazzjoni tal-għeluq

Il-prodotti li kienu maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020), il-produzzjoni tal-enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030) u "Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ" oħra direttament relatati mal-azjenda (kodiċi 9000).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-prodotti għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

L.PR Produzzjoni għas-sena ta' kontabbiltà

Kwantità (kolonna Q)

Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss għall-kategoriji li jikkonċernaw l-ipproċessar tal-ħalib (kodiċi mill-261 sat-321).

Tikkorrispondi għall-kwantità ta' ħalib likwidu prodott fir-razzett matul is-sena ta' kontabbiltà u użat għall-produzzjoni ta' prodotti pproċessati.

L.SA Bejgħ

It-total tal-prodotti mibjugħa matul is-sena ta' kontabbiltà, li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew li ġew prodotti matulha kif ukoll id-dħul mill-attivitajiet l-oħra bi skop ta' qligħ.

Valur (kolonna V)

Il-valur totali tal-bejgħ (irrispettivament jekk il-qligħ ikunx wasal matul is-sena ta' kontabbiltà jew le) ta' prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew li ġew prodotti matulha.

Kull ħlas ta' kumpens (pereżempju ħlasijiet ta' assigurazzjoni) waqt is-sena ta' kontabbiltà għandu jiżdied ukoll mat-total għall-bejgħ tal-prodotti kkonċernati kull meta jkun jista' jiġi allokati għall-produzzjoni ta' prodotti ta' din ix-xorta. Inkella għandu jiddaħħal fit-Tabella I "UĊUH TAR-RABA" taħt il-kodiċi 90900 "Oħrajn".

Għotjiet u sussidji riċevuti għal prodotti matul is-sena ta' kontabbiltà mhumix inklużi fit-total ta' bejgħ; għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M "SUSSIDIJI" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet bejn l-2110 u l-2900). Meta l-ispejjeż tat-tqegħid fis-suq — jekk ikun hemm — ikunu magħrufa, m'għandhomx jitnaqqsu mit-total tal-bejgħ, iżda għandhom jitniżżlu fit-Tabella H "MEZZI TA' PRODUZZJONI" fil-kategorija adegwata ta' spejjeż speċifiċi ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (kodiċijiet mill-4010 sal-4090).

L.FC Konsum tar-razzett u benefiċċji *in natura*

Prodotti kkonsumati mill-unità domestika tad-detentur u/jew użati għal ħlasijiet *in natura* ta' oġġetti u servizzi (inkluża rimunerazzjoni *in natura*).

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiki (kodiċi 2020) u l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030).

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust.

L.FU Użu tar-razzett

Prodotti tal-azzjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni fl-azzjenda matul is-sena. Huma inklużi prodotti pproċessati fir-razzett (ħalib ipproċessat biex minnu jsir ġobon, ċereali pproċessati għall-ħobż, laħam li minnu sar perżut, eċċ.) li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni għall-kejtering jew akkomodazzjoni turistika.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiki (kodiċi 2020) u l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030).

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust.

Tabella M.

Sussidji

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' sussidju		Kodiċi (*)		
Finanzjament		Kodiċi (**)		
Unità bażika		Kodiċi (***)		
Grupp ta' informazzjoni			Kolonna	
			Għadd ta' unitajiet bażiki	Valur
			N	V
S	Sussidju			

Il-kategoriji tal-kodiċijiet tas-sussidji għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kategorija ta' kodiċijiet ta' sussidji:

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
	SPU (Skema ta' pagament uniku)
1110	SPU "normali"
1120	SPU mergħat
1130	SPU b'intitolament speċjali
1200	SPUE (Skema ta' pagament uniku skont l-erja)
	Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 73/2009 ⁽¹⁾
2110	Appoġġ lis-settur tal-prodotti tal-ħalib
2120	Appoġġ lis-settur tal-laħam taċ-ċanga
2130	Appoġġ lis-settur tan-nagħaġ u l-mogħoż
2140	Appoġġ lis-settur tar-ross
2150	Appoġġ lil uċuħ tar-raba' oħra

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
2160	Appoġġ lil annimali oħra
2170	Appoġġ ieħor skont l-Artikolu 68 ħlief appoġġ għall-ispejjeż
	Pagamenti diretti akkoppjati tal-UE magħżula
2210	Primjums għall-baqar li jreddgħu
2220	Primjums addizzjonali għall-baqar li jreddgħu
2230	Primjums għan-nagħaġ u l-mogħoż
2240	Primjums addizzjonali għan-nagħaġ u l-mogħoż
2250	Qoton
2270	Frott u ħaxix
	Pagamenti diretti akkoppjati oħra għal attivitajiet speċifiċi
	Uċuħ tar-raba' fuq art li tista' tinħarat
2311	COP (Ċereali, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba' tal-proteini speċjalizzati)
2312	Patata
2313	Pitravi zokkrija
2314	Pjanti industrijali
2315	Ħxejjex
2316	Art mhux maħduma
2319	Uċuħ tar-raba' fuq art li tista' tinħarat mhux iddefiniti
2320	Bwar permanenti
	Uċuħ tar-raba' permanenti
2331	Frott tal-bosk u u ġewż
2332	Frott b'karpelli fin-nofs u frott bl-għadma
2333	Plantazzjonijiet taċ-ċitru
2334	Plantazzjonijiet taż-żebbuġ
2335	Vinji
2339	Uċuħ tar-raba' permanenti mhux iddefiniti
	Annimali
2341	Prodotti tal-ħalib
2342	Ċanga
2343	Ifrat/baqar mhux iddefiniti
2344	Nagħaġ u mogħoż
2345	Majjali u tjur
2349	Annimali mhux iddefiniti
	Għotjiet u sussidji ta' karattru eċċezzjonali
2810	Ħlasijiet għal diżastri

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
2890	Għotjiet u sussidji oħra ta' karattru eċċezzjonali
2900	Sussidji li ma jistgħux jiġu allokati lil xi attività jew ma jistgħux jiġu rreġistrati taħt xi wieħed mill-kodiċijiet ta' hawn fuq
	Żvilupp Rurali
3100	Sussidji fuq investimenti
3200	Oħrajn Assi 1
3300	Ħlasijiet agroambjent u l-benesseri tal-annimali
3400	Ħlasijiet tan-Natura 2000 ħlief għall-forestrija
3500	Ħlasijiet ta' deficijenzi naturali f'żoni tal-muntanja u ħlasijiet f'żoni oħra b'deficijenzi
3600	Forestrija, inklużi ħlasijiet tan-Natura 2000 għall-forestrija
3700	Oħrajn Assi 2
3900	Ħlasijiet oħra għall-iżvilupp rurali
	Għotjiet u sussidji fuq spejjeż
4100	Pagi u sigurtà soċjali
4200	Fjuwils tal-muturi
	Bhejjem
4310	Għalf għal annimali li jirgħaw
4320	Għalf għall-majjali u t-tjur
4330	Spejjeż oħra relatati mal-bhejjem
	Uċuħ tar-raba'
4410	Żrieragħ
4420	Fertilizzanti
4430	Ħarsien tal-uċuħ tar-raba'
4440	Spejjeż oħra speċifiċi relatati mal-uċuħ tar-raba'
	Spejjeż ġenerali u regolari tal-irziezet
4510	Elettriku
4520	Fjuwils għat-tisħin
4530	Ilma
4540	Assigurazzjoni
4550	Imgħaxijiet
4600	Spejjeż relatati ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ
4800	Spejjeż oħra
4900	Sussidji fuq spejjeż abbażi tal-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
	Għotjiet u sussidji fuq ix-xiri ta' bhejjem
5100	Xiri ta' prodotti tal-ħalib
5200	Xiri ta' ċanga
5300	Xiri ta' nagħaġ u mogħoż
5400	Xiri ta' majjali u tjur
5900	Animali oħra
9000	Differenzi minn snin preċedenti ta' kontabbiltà

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jstabilixxi regoli komuni ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

Il-kodiċijiet li jiddeskrivu kif inhu ffinanzjat is-sussidju għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
1	Is-sussidju huwa ffinanzjat mill-baġit tal-UE biss.
2	Il-miżura hija kkofinanzjata mill-UE u l-Istat Membru.
3	Il-miżuri mhijiex iffinanzjata mill-baġit tal-UE, iżda minn sorsi pubbliċi oħra.

Il-kodiċijiet li jiddefinixxu l-unitajiet bażiċi għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
1	Is-sussidju jingħata skont l-għadd ta' bhejjem.
2	Is-sussidju jingħata skont l-għadd ta' ettari.
3	Is-sussidju jingħata skont l-għadd ta' tunnellati.
4	Razzett/oħra: is-sussidju jingħata għar-razzett kollu jew b'mod li ma jaqax taħt il-kategoriji l-oħra.

It-tabella M "SUSSIDJI" tkopri l-għotjiet u s-sussidji li l-azjendi agrikoli jkunu rċevew minn korpi pubbliċi, kemm Nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni, flief għotjiet u sussidji fuq investimenti (dawn għandhom jiġu rreġistrati fit-Tabella D "ASSI").

Bħala regola ġenerali, l-għotjiet u s-sussidji rreġistrati fit-Tabella M jikkorrispondu għas-sena ta' kontabbiltà kurrenti, irrispettivament minn meta jiġi rċevut il-ħlas (is-sena ta' kontabbiltà hija l-istess bħas-sena ta' talba). Il-ħlasijiet rurali, minbarra l-ħlasijiet LFA jikkostitwixxu eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali, peress li l-ammonti rreġistrati għandhom jirreferu għall-ħlasijiet li verament ġew rċevuti matul is-sena ta' kontabbiltà (is-sena ta' kontabbiltà hija l-istess bħas-sena ta' ħlas).

L-għotjiet u s-sussidji huma ddefiniti skont it-tip ta' sussidju, il-finanzjament u l-unità bażika. Għal kull entrata, it-Tabella M tagħti l-għadd ta' unitajiet bażiċi (N) u l-ammont rċevut (V). Jista' jkun hemm diversi rekords għal kull kategorija ta' sussidju, hekk kif l-unitajiet bażiċi u/jew l-orijini tal-finanzjament jistgħu jkunu differenti."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1321/2013

tal-10 ta' Diċembru 2013

li jstabbilixxi lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003 jipprevedi għall-istabbiliment inizjali ta' lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prodotti primarji"). Dik il-lista għandha tiġi stabbilita abbażi ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni sottomessi mill-operaturi tan-negozju u l-opinjoni maħruġa mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) dwar il-prodott primarju rilevanti.
- (2) Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003, l-Awtorità rċeviet 14-il applikazzjonijiet validi għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti primarji qabel is-16 ta' Ġunju 2005. Tliet applikazzjonijiet ġew irtirati. Għalhekk l-Awtorità vvalutat b'kolloxx 11-il prodott primarju. Applikazzjoni minnhom evalwata ġiet irtirata wara li tlestiet l-evalwazzjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003 l-awtorizzazzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni tista' tkun soġġetta għal kondizzjonijiet speċifiċi ta' użu u skont l-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament, l-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw għal 10 snin, li jiġġeddu skont l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Prodotti primarji u taħwir bl-affumikazzjoni derivat jintużaw fl-ikel jew fuq l-ikel biex jagħtuh togħma affumikata jew biex jikkumplementaw aroma oħra mingħajr ma jagħtu togħma affumikata. Dawn jintużaw ukoll biex jaffumikaw il-laħam, il-ħut u l-prodotti tal-ħalib. Studju ta' esponiment raffinat li sar minn Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM) ⁽²⁾ juri li minkejja l-

metodu ta' kalkolu tal-esponiment użat, il-kontributuri ewlenin għall-konsum għoli huma fil-biċċa l-kbira ikel li tradizzjonalment kien ikun affumikat, bħaz-zalzett u l-bejken imsajra u affumikati. Il-gruppi tal-ikel li mhumiex tradizzjonalment affumikati, bħal crisps, sopop u zlazi, ma jaffettwawx l-esponiment b'mod sinifikanti. Minħabba li l-prodotti primarji huma prodott minn duħħan li huwa soġġett għal proċessi ta' frazzjonament u purifikazzjoni, l-użu ta' taħwir bl-affumikazzjoni ġeneralment huwa kkunsidrat li jikkawża anqas tħassib għas-saħħa milli l-użu ta' duħħan li huwa prodott minn injam li jkun qed jaqbad jew billi jissaħnu s-serratura tal-injam jew biċċiet tal-injam żgħar ⁽³⁾.

- (5) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju Scansmoke PB1110, adottata fis-26 ta' Marzu 2009 ⁽⁴⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. Madankollu, l-użi u l-livelli ta' użu kif oriġinarjament proposti mill-applikant jipprovdut marġini ta' sikurezza insuffiċjenti. L-użi u l-livelli ta' użu ġew riveduti biex jikkunsidraw din l-opinjoni. Il-prodott primarju Scansmoke PB1110 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (6) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju tad-duħħan Kodiċi Zesti (Zesti Smoke Code) 10, adottata fid-29 ta' Jannar 2009 ⁽⁵⁾ u fis-6 ta' Lulju 2011 ⁽⁶⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. Madankollu, l-użi u l-livelli ta' użu kif oriġinarjament proposti mill-applikant jipprovdut marġini ta' sikurezza insuffiċjenti. L-użi u l-livelli ta' użu ġew riveduti biex jikkunsidraw din l-opinjoni. Il-prodott primarju Zesti Smoke Code 10 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (7) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju Smoke Concentrate 809045, adottata fid-29 ta' Jannar 2009 ⁽⁷⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. L-użi u l-livelli ta' użu kif proposti mill-applikant ma jagħtux lok għal tħassib ta' sikurezza. Il-prodott primarju Smoke Concentrate 809045 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1.

⁽²⁾ "Refined exposure assessment of smoke flavouring primary products with use levels provided by the industry. A pilot study into data collection of use levels." (Valutazzjoni ta' esponiment raffinat ta' prodotti primarji ta' taħwir bl-affumikazzjoni b'livelli ta' użu mogħtija mill-industrija. Studju pilota tal-kollezzjoni tad-dejta tal-livelli ta' użu.) Rapport Itra RIVM 320026003.

⁽³⁾ *The EFSA Journal* (2008) 724, p. 1-114.

⁽⁴⁾ *The EFSA Journal* (2009) ON-1056, p. 1-23.

⁽⁵⁾ *The EFSA Journal* (2009) ON-982, p. 1-24.

⁽⁶⁾ *EFSA Journal* 2011; 9 (7):2307.

⁽⁷⁾ *The EFSA Journal* (2009) ON-981, p. 1-19.

- (8) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju Scansmoke SEF 7525, adottata fl-14 ta' Mejju 2009 ⁽¹⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. L-użi u l-livelli ta' użu kif proposti mill-applikant ma jagħtux lok għal tħassib ta' sikurezza. Il-prodott primarju Scansmoke SEF 7525 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (9) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju SmokEz C-10, adottata fl-14 ta' Mejju 2009 ⁽²⁾ u fl-4 ta' Lulju 2012 ⁽³⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. Madankollu, l-użi u l-livelli ta' użu kif oriġinarjament proposti mill-applikant jipprovdu marġini ta' sikurezza insuffiċjenti. L-użi u l-livelli ta' użu ġew riveduti biex jikkunsidraw din l-opinjoni. Il-prodott primarju SmokEz C-10 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (10) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju SmokEz Enviro-23, adottata fl-14 ta' Mejju 2009 ⁽⁴⁾ u fl-4 ta' Lulju 2012 ⁽⁵⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. Madankollu, l-użi u l-livelli ta' użu kif oriġinarjament proposti mill-applikant jipprovdu marġini ta' sikurezza insuffiċjenti. L-użi u l-livelli ta' użu ġew riveduti biex jikkunsidraw din l-opinjoni. Il-prodott primarju SmokEz Enviro-23 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (11) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju Tradismoke™ A MAX, adottata fis-26 ta' Novembru 2009 ⁽⁶⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. Madankollu, l-użi u l-livelli ta' użu kif oriġinarjament proposti mill-applikant jipprovdu marġini ta' sikurezza insuffiċjenti. L-użi u l-livelli ta' użu ġew riveduti biex jikkunsidraw din l-opinjoni. Il-prodott primarju Tradismoke™ A MAX għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (12) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju Scansmoke R909, adottata fis-26 ta' Novembru 2009 ⁽⁷⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. Madankollu, l-użi u l-livelli ta' użu kif oriġinarjament proposti mill-applikant jipprovdu marġini ta' sikurezza insuffiċjenti. L-użi u l-livelli ta' użu ġew riveduti biex jikkunsidraw din l-opinjoni. Fis-26 ta' Novembru 2012 l-applikant innotifika lill-Kummissjoni li l-isem tal-prodott primarju kien inbidel għal proFagus-Smoke R709. Il-prodott primarju proFagus-Smoke R709 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (13) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju Fumokomp, adottata fl-24 ta' Settembru 2009 ⁽⁸⁾ u fis-6 ta' Lulju 2011 ⁽⁹⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. L-użi u l-livelli ta' użu kif proposti mill-applikant ma jagħtux lok għal tħassib ta' sikurezza. Il-prodott primarju Fumokomp għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (14) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-Awtorità dwar il-prodott primarju AM 01, adottata fis-26 ta' Novembru 2009 ⁽¹⁰⁾ u fit-2 ta' Frar 2012 ⁽¹¹⁾, tikkonkludi li d-dejta pprovduta mill-applikant hija biżżejjed biex telimina t-tħassib dwar il-ġenotossicità tagħha. Madankollu, l-użi u l-livelli ta' użu kif oriġinarjament proposti mill-applikant jipprovdu marġini ta' sikurezza insuffiċjenti. L-użi u l-livelli ta' użu ġew riveduti biex jikkunsidraw din l-opinjoni. Il-prodott primarju AM 01 għandu għalhekk jiġi awtorizzat bla ħsara għal kondizzjonijiet speċifiċi tal-użu.
- (15) Fir-rigward ta' kull prodott primarju awtorizzat, il-lista tal-Unjoni għandha tagħti kodiċi uniku tal-prodott, l-isem tal-prodott, l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott, il-kondizzjonijiet għall-użu tiegħu fi jew fuq ikel jew kategoriji tal-ikel speċifiċi, id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat u d-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-kategoriji tal-ikel kif stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹²⁾, għandhom jiġu kkonsultati.
- (16) Il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni ta' prodotti primarji huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003 inkluż il-kontenut massimu ta' idrokarbonji polikikliċi aromatiċi.
- (17) Meta t-taħwir bl-affumikazzjoni awtorizzati huma użati fl-ikel jew fuq l-ikel, l-użu tagħhom għandu jkun skont il-kondizzjonijiet tal-użu, inklużi l-livelli massimi, stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Meta t-taħwir bl-affumikazzjoni awtorizzati jintużaw flimkien, il-livelli individwali għandhom jitnaqqsu proporzjonalment.

⁽¹⁾ *The EFSA Journal* (2009) 1224, p. 1-24.

⁽²⁾ *The EFSA Journal* (2009) 1225, p. 1-28.

⁽³⁾ *EFSA Journal* 2012; 10(7):2830.

⁽⁴⁾ *The EFSA Journal* (2009) 1226, p. 1-26.

⁽⁵⁾ *EFSA Journal* 2012; 10(7):2829.

⁽⁶⁾ *The EFSA Journal* 2010; 8(1):1394.

⁽⁷⁾ *The EFSA Journal* 2010; 8 (1):1395.

⁽⁸⁾ *The EFSA Journal* 2009; 7 (9):1343.

⁽⁹⁾ *EFSA Journal* 2011; 9 (7):2308.

⁽¹⁰⁾ *The EFSA Journal* 2010; 8 (1):1396.

⁽¹¹⁾ *EFSA Journal* 2012; 10 (2):2580.

⁽¹²⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

- (18) L-affumikazzjoni permezz ta' duħħan iġġenerat mill-ġdid hija proċess ta' trattament tal-ikel permezz tal-esponiment tiegħu għad-duħħan li huwa ġġenerat mill-ġdid bl-atomizzazzjoni tat-taħwir bl-affumikazzjoni f'kamra tal-affumikazzjoni bil-kundizzjonijiet tat-temperatura u żmien simili għal dawk tal-affumikazzjoni sħuna jew kiesħa. F'dak il-każ huwa diffiċli li wieħed jagħmel stima ta' kemm it-taħwir bl-affumikazzjoni se jkun preżenti fl-ikel finali kif ikkummerċjalizzat minħabba telf tat-taħwir bl-affumikazzjoni matul l-affumikazzjoni. Għalhekk, l-użu għandu jkun konformi ma' prattiki tajba ta' manifattura.
- (19) Sakemm mhux soġġett għal aktar restrizzjonijiet, taħwir bl-affumikazzjoni awtorizzat jista' jkun preżenti fl-ikel, għajr għal addizzjoni diretta, bħala riżultat ta' riport minn ingredjent li fih kien permess it-taħwir bl-affumikazzjoni, sakemm il-livell tat-taħwir bl-affumikazzjoni fl-ikel finali m'huwiex akbar minn dak li kieku kien jiġi introdott bl-użu tal-ingredjent taħt kondizzjonijiet teknoloġiċi xierqa u prattika tajba ta' manifattura.
- (20) Il-lista tal-Unjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur.
- (21) Billi t-taħwir bl-affumikazzjoni jinsab diġà fis-suq fl-Istati Membri, ġew stabbiliti dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni għal proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni ssir bla tfixkil. Għal dan l-għan ġew stabbiliti perjodi tranżitorji fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003.
- (22) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003, l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jerġġu jiggēddu għal perjodi ta' 10 snin, fuq applikazzjoni lill-Kummissjoni mid-detentur tal-awtorizzazzjoni. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata bid-dokumenti elenkati fl-Artikolu 12(2) ta' dak ir-Regolament. Dawk id-dokumenti għandhom jinkludu kull informazzjoni disponibbli dwar dejta tossikoloġika wara l-parir tal-Awtorità mogħti fid-dokument ta' gwida tagħha tas-7 ta' Ottubru 2004 jew l-aġġornament tiegħu l-aktar reċenti.
- (23) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni bl-esklużjoni tal-oħrajn kollha fl-Unjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003, hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-lista ta' taħwir bl-affumikazzjoni awtorizzati hija stabbilita b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati

Nota 1: Il-livelli massimi jirreferu għal-livelli fl-ikel jew fuq l-ikel kif kummerċjalizzat. B'deroga minn dan il-prinċipju, għall-ikel imnixxef u/jew ikkonċentrat li jeħtieġ jiġi rikostitwit għandhom japplikaw il-livelli massimi għall-ikel kif rikostitwit skont l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta, b'kont meħud tal-fattur ta' dilwizzjoni minima. Jekk il-prodotti primarji jiġu użati għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivat, il-livelli massimi għandhom jiġu aġġustati skont dan.

Nota 2: Meta kombinazzjonijiet ta' taħwir bl-affumikazzjoni jintużaw fl-ikel jew fuq l-oġġetti tal-ikel, il-livelli individwali għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonali.

Nota 3: F'każ li t-taħwir bl-affumikazzjoni huma permessi li jintużaw f'laħam ipproċessat (il-kategorija tal-ikel 8.2) jew f'ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati (il-kategorija tal-ikel 9.2) u dan l-ikel huwa affumikat f'kamra tal-affumikazzjoni li tiġġenera mill-ġdid id-duħħan billi jintuża dan it-taħwir bl-affumikazzjoni li huwa permess, l-użu għandu jkun konformi ma' prattiki tajba ta' manifattura.

Nota 4: Il-preżenza ta' aromattizzant tal-affumikazzjoni għandha tkun permessa:

- (a) f'ikel kompost għajr kif jissema fl-Anness, fejn il-prodott primarju huwa permess f'wieħed mill-ingredjenti tal-ikel kompost;
- (b) f'ikel li se jintuża biss fil-preparazzjoni ta' ikel kompost u sakemm l-ikel kompost ikun konformi ma' dan ir-Regolament.

Dan m'għandux japplika għall-formuli tat-trabi, għal formuli tal-prosegwiment, għal ikel proċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u għal ikel tat-trabi u għal ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar kif imsemmi fid-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari ⁽¹⁾.

Kodiċi uniku	SF-001	
Isem il-prodott	Scansmoke PB 1110	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Azelis Denmark aA/S	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Lundtoftegaardsvej 95 2800 Lyngby ID-DANIMARKA	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<ol style="list-style-type: none"> 1. Materjali tas-sors: 90 % fagu (<i>Fagus sylvatica</i>), 10 % ballut (<i>Quercus alba</i>) 2. Speċifikazzjonijiet: — pH: 2,1–2,9 — Ilma: 47,0–56,0 % — % tal-Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 8–12 % — Komposti tal-Karbonil: 17–25 % — Fenoli (bħala syringol, mg/g): 10,5–20,1 3. Kriterji ta' purità: — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg 	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.7. Ġobon u prodotti tal-ġobon	2,0
	2. Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħm u taż-żjut	0,002
	3. Silġ li jittiekkel	0,005
	5. Ħlewwiet	0,05

⁽¹⁾ ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21.

	8.1.2. Preparazzjonijiet tal-laħam kif definit mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾	2,0
	8.2. Laħam ipproċessat	2,0
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċċi	2,0
	9.3. Bajd tal-ħut	2,0
	12.2. Ħxejjex aromatiċi, ħwawar, taħwir	2,3
	12.5. Sopot u brodijiet	0,23
	12.6. Zlazi	1,0
	12.7. Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta' ikel mielaħ	0,23
	14.1. Xorb mhux alkoħoliku	0,02
	14.2. Xorb alkoħoliku, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx	0,02
	15. Oġġetti mielħa u ikliet ħfief lesti biex jittiekle	2,0
Id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	
⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.		
Kodiċi uniku	SF-002	
Isem il-prodott	Zesti Smoke Code 10	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Mastertaste	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Mtieħen Draycott Cam Dursley Gloucestershire gl11 5na IR-RENJU UNIT	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors: 50–60 % tas-siġra tal-ġewż tal-Amerika (<i>Carya ovata</i>), 40–50 % ballut (<i>Quercus alba</i>)</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet: — pH: 2,0–2,5 — Ilma: 62,3–65,7 % — % tal-Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 10,5–11 — Komposti tal-Karbonil (g/100 ml): 15–25 — Fenoli (mg/ml): 12–22</p> <p>3. Kriterji ta' purità: — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg</p>	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.7. Ġobon u prodotti tal-ġobon	0,50
	1.8. Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi aġenti li jbajdu x-xorb	0,50

	4.2. Frott u ħxejjex ipproċessati	0,30
	8.1.2. Preparazzjonijiet tal-laħam kif definit mir-Regolament (KE) Nru 853/2004	2,5
	8.2. Laħam ipproċessat	2,5
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji	2,0
	9.3. Bajd tal-ħut	2,0
	12.2. Ħxejjex aromatiċi, ħwawar, taħwir	3,0
	12.5. Sopop u brodijiet	0,30
	12.6. Zlazi	1,0
	12.9. Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8	1,0
	15. Oġġetti mielħa u ikljet ħfief lesti biex jittieklu	3,0
Id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat	1-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	1-1 ta' Jannar 2024	
Kodiċi uniku	SF-003	
Isem il-prodott	Smoke Concentrate 809045	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Symrise AG	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Mühlenfeldstraße 1 37603 Holzminden IL-ĠERMANJA	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors: Fagu (<i>Fagus sylvatica</i>)</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet: — pH: 2–3 — Ilma: 5–15 % — % tal-Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 8–15 % — Komposti tal-Karbonil: 10–20 % — Fenoli: 0,2–0,6 %</p> <p>3. Kriterji ta' purità: — Ċomb: < 5 mg/kg — Arseniku: < 3 mg/kg — Kadmju: < 1 mg/kg — Merkurju: < 1 mg/kg</p>	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1. Prodotti tal-ħalib u analogi	0,50
	4.2. Frott u ħxejjex ipproċessati	0,30
	6.4.5. Mili ta' għaġin mimli (ravjul u simili)	1,0
	7.1. Ħobż u bziezen	0,60
	7.2. Prodotti fini tal-forn	0,60
	8. Laħam	0,60

	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċċi	0,60
	9.3. Bajd tal-ħut	0,60
	12.2. Ħxejjex aromatiċi, ħwawar, taħwir	3,0
	12.5. Sopop u brodijiet	0,60
	12.6. Zlazi	4,0
	12.7. Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta' ikel mielaħ	1,0
	12.9. Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8	1,0
	15. Oġġetti mielħa u ikliet h'fief lesti biex jittieklu	3,0
Id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	
Kodiċi uniku	SF-004	
Isem il-prodott	Scansmoke SEF 7525	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Azelis Denmark A/S	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Lundtoftegaardsvej 95 2800 Lyngby ID-DANIMARKA	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors: 35 % balluta ħamra (<i>Quercus rubra</i>), 35 % ballut abjad (<i>Quercus alba</i>), 10 % aġġru taz-zokkor (<i>Acer saccharum</i>), 10 % fagu (<i>Fagus grandifolia</i>) u 10 % siġra tal-ġewż tal-Amerika (<i>Carya ovata</i>).</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet: — Ilma: 0,3–0,9 wt % — Aċidità (espressa b'hal aċidu aċetiku): 0,09–0,25 meq/g — Komposti tal-Karbonil: 1,2–3,0 wt % — Fenoli: 8 – 12 wt %</p> <p>3. Kriterji ta' purità: — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg</p>	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1. Prodotti tal-ħalib u analogi	0,16
	2. Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħam u taż-żjut	0,05
	4.2. Frott u ħxejjex ipproċessati	0,05
	5. Hlewriet	0,08
	6. Ċereali u prodotti taċ-ċereali	0,05
	7.1. Ħobż u bziezen	0,08
	7.2. Prodotti fini tal-forn	0,08
	8. Laħam	0,16

	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustacċji	0,16
	9.3. Bajd tal-ħut	0,16
	10.2. Bajd ipproċessat u prodotti tal-bajd	0,05
	12.2. Ħxejjex aromatiċi, ħwawar, taħwir	0,18
	12.5. Sopop u brodijiet	0,05
	12.6. Zlazi	0,05
	12.7. Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta' ikel mielaħ	0,05
	12.9. Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8	0,05
	14.1. Xorb mhux alkoħoliku	0,05
	14.2. Xorb alkoħoliku, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx	0,05
	15. Oġġetti mielħa u ikliet ħfief lesti biex jittieklu	0,08
Id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	
Kodiċi uniku	SF-005	
Isem il-prodott	SmokEz C-10	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Red Arrow Products Company LLC	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	P.O. Box 1537 633 South 20th street Manitowoc, WI 54221-1537 L-Istati Uniti tal-Amerika	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors:</p> <p>Aġġru taz-zokkor (<i>Acer saccharum</i>): 25–60 %</p> <p>Ballut (<i>Quercus alba</i>): 10–40 %</p> <p>Siġra tal-ġewż tal-Amerika (<i>Carya ovata</i>): 10–25 %</p> <p>Fraxxnu (<i>Fraxinus americana</i>), betula (<i>Betula papyrifera</i> u <i>Betula alleghensis</i>), ċirasa (<i>Prunus serotina</i>), fagu (<i>Fagus grandifolia</i>): 0–15 % (b'kollox)</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet:</p> <p>— pH: 2,15–2,6</p> <p>— Ilma: 60,7–65,1 %</p> <p>— % tal-Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 10,5–12,0 wt %</p> <p>— Komposti tal-Karbonil: 12,0–17,0 wt %</p> <p>— Fenoli: 10,0–15,0 mg/ml</p> <p>3. Kriterji ta' purità:</p> <p>— Ċomb: < 5,0 mg/kg</p> <p>— Arseniku: < 3,0 mg/kg</p> <p>— Kadmju: < 1,0 mg/kg</p> <p>— Merkurju: < 1,0 mg/kg</p>	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.7. Ġobon u prodotti tal-ġobon	0,20
	8.1.2. Preparazzjonijiet tal-laħam kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 853/2004	2,5

	8.2. Laħam ipproċessat	2,5
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċċi	2,0
	9.3. Bajd tal-ħut	2,0
	12.2. Ħxejjex aromatiċi, ħwawar, taħwir u kondimenti	3,0
	12.6. Zlazi u prodotti simili	3,0
	15. Oġġetti mielħa u ikliet ħfief lesti biex jittieklu	3,0
Id-data minn meta l-prodott ikun awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	
Kodiċi uniku	SF-006	
Isem il-prodott	SmokEz Enviro-23	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Red Arrow Products Company LLC	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	P.O. Box 1537 633 South 20th street Manitowoc, WI 54221-1537 L-Istati Uniti tal-Amerika	
Deskrizzjoni u l-karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors:</p> <p>Aġġru taz-zokkor (<i>Acer saccharum</i>): 25–65 %</p> <p>Ballut (<i>Quercus alba</i>): 20–75 %</p> <p>Siġra tal-ġewż tal-Amerika (<i>Carya ovata</i>), fraxxnu (<i>Fraxinus americana</i>), betula (<i>Betula papyrifera</i> u <i>Betula alleghaniensis</i>), ċirasa (<i>Prunus serotina</i>), fagu (<i>Fagus grandifolia</i>): 0–15 % (b'kollox)</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet:</p> <ul style="list-style-type: none"> — pH: 2,8–3,2 — Ilma: 57,0–64,4 % — % tal-Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 6,0–7,0 wt % — Komposti tal-Karbonil: 16,0–24,0 wt % — Fenoli: 10,0–16,0 mg/ml <p>3. Kriterji ta' purità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg 	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.7. Ġobon u prodotti tal-ġobon	2,0
	8.1.2. Preparazzjonijiet tal-laħam kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 853/2004	5,0
	8.2. Laħam ipproċessat	5,0
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċċi	2,0
	9.3. Bajd tal-ħut	2,0
Id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	

Kodiċi uniku	SF-007	
Isem il-prodott	Tradismoke™ A MAX	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Nactis	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	36, rue Gutenberg — ZI La Marinière 91070 bondoufle FRANZA	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors: Fagu (<i>Fagus grandifolia</i>)</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet: — pH: 1,5–2,5 — Ilma: 50–58 wt % — % tal-Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 13–16 wt % — Komposti tal-Karbonil: 17–22 wt % — Fenoli: 30–45 mg/ml</p> <p>3. Kriterji ta' purità: — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg</p>	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.4. Prodotti tal-ħalib iffermentat b'toghmiem miżjuda inklużi prodotti trattati bis-sħana	1,0
	1.6.3. Kremi oħra	1,0
	1.7.3. Qoxra tal-ġobon li tittiekel	1,0
	1.7.5. Ġobnijiet ipproċessati	1,0
	2. Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħam u taż-żjut	1,0
	8.1.2. Preparazzjonijiet tal-laħam kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 853/2004	4,0
	8.2. Laħam ipproċessat	4,0
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji	4,0
	9.3. Bajd tal-ħut	4,0
	12.2. Ħxejjex aromatiċi, ħwawar, taħwir	1,0
	12.5. Sopop u brodijiet	0,50
	12.6. Zlazi	1,0
	14.1. Xorb mhux alkoħoliku	0,10
	14.2. Xorb alkoħoliku, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx	0,10
15. Oġġetti mielħa u ikliet ħfief lesti biex jittieklu	1,0	
Id-data minn meta l-prodott ikun awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	

Kodiċi uniku	SF-008	
Isem il-prodott	proFagus-Smoke R709	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Profagus GmbH	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Uslarer Strasse 30 Bodenfelde 37194 IL-ĠERMANJA	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors: 90 % fagu (<i>Fagus sylvatica</i>), 10 % ballut (<i>Quercus alba</i>)</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet: — pH: 2,0–2,5 — Ilma: 76,7–83,5 % — Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 10,5–12,5 meq/g — Komposti tal-Karbonil: 5–10 wt % — Fenoli: 5–10 wt %</p> <p>3. Kriterji ta' purità: — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg</p>	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.7. Ġobon u prodotti tal-ġobon	2,5
	2. Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħam u taż-żjut	0,002
	3. Silġ li jittiekel	0,005
	4.2. Frott u ħxejjex ipproċessati	0,55
	5. Ħlewwiet	0,10
	8.1.2. Preparazzjonijiet tal-laħam kif definit mir-Regolament (KE) Nru 853/2004	2,5
	8.2. Laħam ipproċessat	2,5
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċċi	2,5
	9.3. Bajd tal-ħut	2,5
	12.2. Ħxejjex aromatiċi, ħwawar, taħwir	4,0
	12.4. Mustarda	0,10
	12.5. Sopop u brodijiet	0,28
	12.6. Zlazi	1,5
	12.7. Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta' ikel mielaħ	0,40
	14.1. Xorb mhux alkoħoliku	0,10
14.2. Xorb alkoħoliku, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx	0,02	
15. Oġġetti mielaħ u ikliet ħfief lesti biex jittieklu	2,5	
Id-data minn meta l-prodott ikun awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	

Kodiċi uniku	SF-009	
Isem il-prodott	Fumokomp	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Kompozíció Kft	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Kompozíció Kft 2053 Herceghalom L-UNGHERIJA	
Deskrizzjoni u l-karatterizzazzjoni tal-prodott	<p>1. Materjali tas-sors: 85 % fagu (<i>Fagus sylvatica</i>), 15 % karpin (<i>Carpinus betulus</i>)</p> <p>2. Speċifikazzjonijiet: — Kontenut tal-ilma: < 2 w/w % — % tal-Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 1–8 w/w % — Komposti tal-Karbonil: 25–30 w/w% — Fenoli: 15–60 w/w%</p> <p>3. Kriterji ta' purità: — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg</p>	
Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.4. Prodotti tal-ħalib iffermentat b'toghmiel miżjuda inklużi prodotti trattati bis-sħana	0,06
	1.6.3. Kremi oħra	0,06
	1.7. Ġobon u prodotti tal-ġobon	0,06
	1.8. Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi aġenti li jbajdu x-xorb	0,06
	2. Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħam u taż-żjut	0,06
	3. Silġ li jittiekel	0,06
	4.2. Frott u ħxejjex ipproċessati	0,06
	5. Ħlewwiet	0,06
	6.3. Ċereali tal-kolazzjon	0,06
	6.4.5. Mili ta' għaġin mimli (ravjul u simili)	0,06
	6.5. Taljarini	0,06
	6.6. Panura	0,06
	6.7. Ċereali msajra minn qabel jew ipproċessati	0,06
	7.1. Ħobż u bziezen	0,06
	7.2. Prodotti fini tal-forn	0,06
	8. Laħam	0,06
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji	0,06
	9.3. Bajd tal-ħut	0,06
	10.2. Bajd ipproċessat u prodotti tal-bajd	0,06
12.2. Ħxejjex aromatiċi, hwwar, taħwir	0,06	

	12.3. Hall	0,06
	12.4. Mustarda	0,06
	12.5. Sopop u brodijiet	0,06
	12.6. Zlazi	0,06
	12.7. Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta' ikel mielaħ	0,06
	12.9. Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8	0,06
	13.3. Ikel djetetiku għal dieti ta' kontroll tal-piż maħsuba biex jissostitwixxu l-ikel totali li wieħed jiekol kuljum jew ikla individwali	0,06
	13.4. Oġġetti tal-ikel adattati għal persuni li ma jittollerawx il-glutina kif definit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 ⁽¹⁾	0,06
	14.1.4. Xarbiet aromatizzati	0,06
	14.1.5.2. Oħrajn	0,06
	14.2. Xorb alkoħoliku, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx	0,06
	15. Oġġetti mielħa u ikliet ħfief lesti biex jittieku	0,06
	16. Deżerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1.3 u 4	0,06
Id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	
⁽¹⁾ ĠU L 16, 21.1.2009, p. 3.		
Kodiċi uniku	SF-010	
Isem il-prodott	AM 01	
Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	AROMARCO, s.r.o	
L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Mlynská 15 929 01 Dunajská Streda IS-SLOVAKKJA	
Deskrizzjoni u karatterizzazzjoni tal-prodott	<ol style="list-style-type: none"> 1. Materjali tas-sors: Fagu (<i>Fagus sylvatica</i>) 2. Speċifikazzjonijiet: <ul style="list-style-type: none"> — Solvent: Taħlita ta' ethanol/ilma (madwar 60/40 wt %) — Aċidità (espressa bħala aċidu aċetiku): 3,5–5,2 g/kg — Komposti tal-Karbonil: 6,0–10,0 g/kg — Fenoli: 8,0–14,0 g/kg 3. Kriterji ta' purità: <ul style="list-style-type: none"> — Ċomb: < 5,0 mg/kg — Arseniku: < 3,0 mg/kg — Kadmju: < 1,0 mg/kg — Merkurju: < 1,0 mg/kg 	

Kundizzjonijiet tal-użu	Kategorija tal-ikel	Il-livell massimu g/kg
	1.4. Prodotti tal-ħalib iffermentat b'toġhmiet miżjuda inklużi prodotti trattati bis-sħana	0,60
	1.6.3. Kremi oħra	0,60
	1.7. Ġobon u prodotti tal-ġobon	0,60
	1.8. Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi aġenti li jbajdu x-xorb	0,60
	2. Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet tax-xaħam u taż-żjut	0,40
	8.1.2. Preparazzjonijiet tal-laħam kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 853/2004	0,85
	8.2. Laħam ipproċessat	0,85
	9.2. Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċċi	0,80
	9.3. Bajd tal-ħut	0,80
	14.2. Xorb alkoħoliku, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx	0,02
	15. Oġġetti mielħa u ikliet ħfief lesti biex jittiekle	1,30
Id-data minn meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2014	
Id-data sa meta l-prodott huwa awtorizzat	l-1 ta' Jannar 2024	

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1322/2013

tal-11 ta' Diċembru 2013

dwar l-għoti ta' aċċess bla dazju mingħajr limitu lill-Unjoni għall-2014 għal ċerti prodotti li joriġinaw min-Norveġja li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/859/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Itri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja fuq il-Protokoll 2 għall-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Il-Protokoll Nru 2 għall-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja⁽³⁾ tal-14 ta' Mejju 1973, u l-Protokoll 3 għall-Ftehim taż-ŻEE, kif emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 140/2001⁽⁴⁾ u Nru 138/2004⁽⁵⁾ (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll 3 għall-Ftehim taż-ŻEE") jstabbilixxu l-arranġamenti kummerċjali għal ċerti prodotti agrikoli u prodotti agrikoli proċessati bejn il-Partijiet Kontraenti.

(2) Il-Protokoll 3 għall-Ftehim taż-ŻEE jipprovdi għal dazju b'rata żero li japplika għal ċerti ilmiġiet miżjuda biz-zokkor jew b'materjal ieħor tal-ħlewwa jew għat-togħma, klassifikati bil-kodiċi NM 2202 10 00 u għal ċerti xarbiegħ oħra mhux alkoħoliċi li fihom iz-zokkor jew b'materjal ieħor tal-ħlewwa jew għat-togħma bl-intestaturi 0401 sa 0404 jew xaħam li ġej minn prodotti bl-intestaturi 0401 sa 0404, klassifikati bil-kodiċi NM 2202 90 10.

⁽¹⁾ ĠU L 328, 15.12.2009, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 370, 17.12.2004, p. 70.

⁽³⁾ ĠU L 171, 27.6.1973, p. 2.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 140/2001 tat-23 ta' Novembru 2001 li temenda l-Protokoll 2 u 3 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar prodotti agrikoli proċessati u prodotti agrikoli oħrajn (ĠU L 22, 24.1.2002, p. 34).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2004 tad-29 ta' Ottubru 2004 li temenda l-Protokoll 3 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar prodotti msemmija fl-Artikolu 8(3)(b) tal-Ftehim (ĠU L 342, 18.11.2004, p. 30).

(3) Id-dazju b'rata żero għall-ilmijiet u xarbiegħ l-oħra konċernati ġie sospiż temporanjament għan-Norveġja bil-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Itri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Protokoll 2 għall-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja⁽⁶⁾ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Itri") approvat mid-Deċiżjoni 2004/859/KE. Skont il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Itri, l-importazzjonijiet eżenti mid-dazju ta' prodotti bil-kodiċi NM 2202 10 00 u ex 2202 90 10 li joriġinaw fin-Norveġja għandhom jiġu permissi biss fil-limiti ta' kwota eżenti mid-dazju, filwaqt li għandu jitħallas id-dazju fuq importazzjonijiet barra mill-allokazzjoni tal-kwota.

(4) Barra minn hekk, il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Itri jeżiġi li l-prodotti konċernati għandhom jingħataw aċċess mingħajr limitu ta' eżenzjoni mid-dazju għall-Unjoni jekk il-kwota tat-tariffa ma tkunx ġiet eżawrita sal-31 ta' Ottubru tas-sena preċedenti. Skont id-dejta li tat il-Kummissjoni, il-kwota annwali għas-sena 2013 għall-ilmijiet u x-xarbiegħ konċernati li nfetħet mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2012⁽⁷⁾ ma kinitx ġiet eżawrita sal-31 ta' Ottubru 2013. Għalhekk, il-prodotti konċernati għandhom jingħataw aċċess mingħajr limitu ta' eżenzjoni mid-dazju għall-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

(5) Għalhekk jeħtieġ li għall-2014, titneħħa s-sospensjoni temporanja tar-reġim bla dazju applikat skont il-Protokoll 2 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja tal-14 ta' Mejju 1973.

(6) Għall-finijiet taċ-ċertezza legali, jixraq li jitħassru d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni li ma għadx għandhom effett legali fejn jidħlu s-sitwazzjonijiet preżenti u futuri. Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1085/2012 għandu jitħassar.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli proċessati li mhumiex elenkati fl-Anness I,

⁽⁶⁾ ĠU L 370, 17.12.2004, p. 72.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2012 tal-20 ta' Novembru 2012 li jiftaħ il-kwota tariffarja għas-sena 2013 għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti oġġetti li joriġinaw fin-Norveġja li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 (ĠU L 322, 21.11.2012, p. 2).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014, l-oġġetti klas-sifikati bil-kodiċijiet NM 2202 10 00 (ilmijiet, inkluż ilma minerali u ilma bil-gass, li jkun fih iz-zokkor miżjud jew ħlewwa oħra jew togħma) u ex 2202 90 10 (xarbiet oħra mhux alkoħoliċi li fihom iz-zokkor (sukrożju jew zokkor invertit)) li joriġinaw min-Norveġja għandhom jingħataw aċċess bla dazju mingħajr limitu għall-Unjoni.

2. Ir-regoli tal-orijini applikabbli għall-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu daww stabbiliti fil-Protokoll 3

għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja tal-14 ta' Mejju 1973.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1085/2012 jitħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1323/2013**tal-11 ta' Diċembru 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	200,7
	MA	83,8
	TN	122,5
	TR	90,4
	ZZ	124,4
0707 00 05	MA	107,9
	TR	119,9
	ZZ	113,9
0709 93 10	MA	155,7
	TR	105,8
	ZZ	130,8
0805 10 20	AR	27,9
	MA	36,7
	TR	64,6
	UY	27,9
	ZA	54,7
	ZW	19,7
	ZZ	38,6
0805 20 10	MA	67,7
	ZZ	67,7
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	108,1
	JM	139,0
	TR	72,5
	ZZ	106,5
0805 50 10	TR	65,2
	ZZ	65,2
0808 10 80	BA	78,8
	MK	36,9
	US	120,0
	ZA	199,9
	ZZ	108,9
0808 30 90	TR	120,5
	US	211,2
	ZZ	165,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1324/2013

tal-11 ta' Diċembru 2013

li jistipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7e 9(1)(b) flimkien mal-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 61, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iz-zokkor prodott matul is-sena tas-suq u li jaqbeż il-kwota msemmija fl-Artikolu 56 ta' dak ir-Regolament jista' jiġi esportat biss fil-limitu kwantitattiv stipulat mill-Kummissjoni.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 476/2013 tat-23 ta' Mejju 2013 li jistipula l-limitu kwantitattiv tal-esportazzjoni taz-zokkor u l-isoglukożju 'l barra mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2013/2014 ⁽³⁾ jistipula l-limiti msemmija hawn fuq.

- (3) Il-kwantitajiet ta' zokkor koperti minn applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni jaqbżu l-limitu kwantitattiv iffissat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 476/2013. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit perċentwal ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet mit-2 sas-6 ta' Diċembru 2013 Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni għaz-zokkor imressqa wara s-6 ta' Diċembru 2013 għaldaqstant ma għandhiex tintlaqa', u t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun sospiż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu mit-2 sas-6 ta' Diċembru 2013, għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b'perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' 41,718815 %.
2. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li tressqu fid-9, fl-10, fil-11, fit-12 u fit-13 ta' Diċembru 2013. huma b'dan irrifutati.
3. It-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota għandu jiġi sospiż għall-perjodu bejn is-16 ta' Diċembru 2013 u t-30 ta' Settembru 2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 312M, 22.11.2008, p. 86.

⁽³⁾ ĠU L 138, 24.5.2013, p. 5.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Diċembru 2013

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk għall-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija

(2013/744/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(1), l-Artikolu 83 u l-Artikolu 87(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

(5) Peress li l-Protokoll ikopri materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

(6) Meta tiffirma t-Trattat, l-Unjoni mhux ser tkun qed teżerċita kompetenza kondiviża, għalhekk l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom fl-oqsma koperti mit-Trattat li ma jaffettwawx regoli komuni u ma jibdlux il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali regoli.

Billi:

(1) Fit-22 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC) u protokoll relatati. Din l-awtorizzazzjoni kienet emendata mill-Kunsill fil-21 ta' April 2001 u, fl-20 ta' Diċembru 2007, fir-rigward tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk ("il-Protokoll"). In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni fit-termini tad-direttivi ta' negozjati adottati mill-Kunsill u ġew iffinalizzati b'suċċess bl-adozzjoni tal-Protokoll waqt il-ħames Konferenza tal-Partijiet għall-FCTC tad-WHO fit-12 ta' Novembru 2012, f'Seoul, ir-Repubblika tal-Korea.

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, fir-rigward taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(2) Il-konklużjoni tal-FCTC ġiet approvata fisem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/513/KE⁽¹⁾, li hija kondizzjoni biex l-Unjoni Ewropea ssir Parti għall-Protokoll.

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(3) Il-Protokoll jirrappreżenta kontribut sinifikanti għall-isforzi internazzjonali biex jiġu eliminati l-forom kollha tal-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk, li jikkostitwixxi komponent essenzjali tal-kontroll tat-tabakk.

(9) Deċiżjoni separata⁽²⁾ relatata mal-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Protokoll, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija għandha tiġi adottata b'mod parallel għal din id-Deċiżjoni,

(4) Il-Protokoll jistabbilixxi obbligi għall-partijiet kontraenti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija. Bħala konsegwenza, din id-dispożizzjoni taqa'

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/513/KE tat-2 ta' Ġunju 2004 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 8).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/745/UE tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija (Ara paġna 75 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija, hu b'dan awtorizzat soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirma(w) il-Protokoll f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi

relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali u mal-kooperazzjoni tal-pulizija.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

A. PABEDINSKIENĒ

⁽¹⁾ It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Diċembru 2013

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija

(2013/745/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33, 113, 114 u 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) u 218(2), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC) u protokolli relatati. Din l-awtorizzazzjoni kienet emendata mill-Kunsill fil-21 ta' April 2001 u, fl-20 ta' Diċembru 2007, fir-rigward tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk ('il-Protokoll'). In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni fit-termini d-direttivi dwar in-negozjar adottati mill-Kunsill u ġew iffinalizzati b'suċċess bl-adozzjoni tal-Protokoll waqt il-ħames Konferenza tal-Partijiet għall-FCTC tad-WHO fit-12 ta' Novembru 2012, f'Seoul, ir-Repubblika tal-Korea.
- (2) Il-konklużjoni tal-FCTC ġiet approvata fisem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/513/KE ⁽¹⁾, li hija kondizzjoni biex l-Unjoni Ewropea ssir Parti għall-Protokoll.
- (3) Il-Protokoll jirrappreżenta kontribut sinifikanti għall-isforzi internazzjonali biex jiġu eliminati l-forom kollha tal-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk, li tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-kontroll tat-tabakk.
- (4) L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva għal numru ta' dispożizzjonijiet tal-Protokoll li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kommerċjali komuni tal-Unjoni jew fejn tkun ġiet adottata l-legislażzjoni korrispondenti tal-Unjoni. Għalhekk, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (5) Meta tiffirma t-Trattat, l-Unjoni mhux ser tkun qed teżerċita kompetenza kondiwiża, għalhekk l-Istati Membri

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/513/KE tad-2 ta' Ġunju 2004 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 8).

żjomm u l-kompetenza tagħhom fl-oqsma koperti mit-Trattat li ma jaffettwawx regoli komuni u ma jibdlux il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali regoli.

- (6) Il-Protokoll jistabbilixxi obbligi għall-partijiet kontraenti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija. Bħala konsegwenza, din id-dispożizzjoni taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, it-tnejn li huma meħmużin mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, japplikaw.
- (7) Deċiżjoni separata ⁽²⁾ relatata mal-iffirmar tal-Protokoll, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija għandha tiġi adottata b'mod parallel għal din id-Deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk għall-Konvenzjoni Qafas tad-WTO dwar il-Kontroll tat-Tabakk, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija, hu b'dan awtorizzat soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi ⁽³⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirma(w) il-Protokoll fisem l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/744/UE tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, mad-definizzjoni ta' reati kriminali, u mal-kooperazzjoni tal-pulizija (Ara paġna 73 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
A. PABEDINSKIENÉ

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-10 ta' Diċembru 2013
li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill
(2013/746/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2(2) tal-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 3(3) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet transitorji anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jipprevedu li, sal-31 ta' Ottubru 2014, meta għandu jiġi adottat att mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni.
- (2) Dak il-persentaġġ jiġi kkalkolat konformement maċ-ċifri tal-popolazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura").
- (3) L-Artikolu 2(2) tal-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill, konformement mad-data li jkunu disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, għandu jemenda ċ-ċifri stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dak l-Anness.
- (4) Għalhekk ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu emendati skont dan għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Ottubru 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tal-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"Artikolu 1

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(5) tat-TUE u tal-Artikolu 3(3) u (4) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-

dispożizzjonijiet transitorji, il-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Ottubru 2014, għandha tkun kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni (× 1 000)
Ġermanja	80 523,7
Franza	65 633,2
Renju Unit	63 730,1
Italja	59 685,2
Spanja	46 704,3
Polonja	38 533,3
Rumanija	20 057,5
Pajjiżi l-Baxxi	16 779,6
Belġju	11 161,6
Greċja	11 062,5
Repubblika Ċeka	10 516,1
Portugall	10 487,3
Ungerija	9 908,8
Svezja	9 555,9
Awstrija	8 451,9
Bulgarija	7 284,6
Danimarka	5 602,6
Finlandja	5 426,7
Slovakkja	5 410,8
Irlanda	4 591,1
Kroazja	4 262,1
Litwanja	2 971,9

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, tal-11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni (× 1 000)
Slovenja	2 058,8
Latvja	2 023,8
Estonja	1 324,8
Ċipru	865,9
Lussemburgu	537,0
Malta	421,4
Total	505 572,5
Livell minimu (62 %)	313 455,0 [*]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Diċembru 2013

li tawtorizza lir-Renju Unit juża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2013) 8685)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2013/747/UE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 371 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud⁽²⁾, l-Istati Membri li, fl-1 ta' Jannar 1978, eżentaw it-tranżazzjonijiet elenkati fl-Anness X, Parti B, jistgħu jkomplu jeżentaw dawn it-tranżazzjonijiet, f'konformità mal-kundizzjonijiet li japplikaw fl-Istat Membru kkonċernat f'dik id-data; dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biex tkun determinata l-bażi tar-riżorsi tal-VAT.
- (2) Ir-Renju Unit talab awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex juża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT minħabba li mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel il-kalkolu preċiż tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt (9) tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE. Kalkolu bħal dan x'aktarx li jinvolvi piż amministrattiv mhux ġustifikat meta wieħed iqis l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijiet fuq il-bażi totali tar-Renju Unit tar-riżorsi proprji tal-VAT. Ir-Renju Unit hu f'pożizzjoni li jagħmel kalkolu billi juża l-estimi approssimattivi għal din il-kategorija ta' tranżazzjonijiet. Għalhekk, ir-Renju Unit għandu jingħata l-awtorizzazzjoni li jikkalkula l-bażi

tar-riżorsi proprji tal-VAT billi juża l-estimi approssimattivi f'konformità mat-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89.

- (3) Għall-finijiet ta' trasparenza u ċertezza ġuridika, hu xieraq li jkun hemm limitu ta' żmien għall-applikabilità tal-awtorizzazzjoni.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Sabiex tiġi kkalkolata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2013, ir-Renju Unit huwa awtorizzat li juża estimi approssimattivi fir-rigward tal-kategoriji segwenti ta' tranżazzjonijiet imsemmija fil-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE:

Il-provvista ta' art għall-bini (il-punt 9).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u lill-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Janusz LEWANDOWSKI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.⁽²⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Diċembru 2013

li tawtorizza lill-Kroazja biex tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2013) 8688)

(It-test bil-Kroat biss huwa awtentiku)

(2013/748/UE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 390c tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽²⁾, kif iddikjarat fil-punt 2(e) taħt l-intestatura 8. It-Tassazzjoni tal-Anness V imsemmija fl-Artikolu 18 tal-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ⁽³⁾, il-Kroazja, f'konformità mal-kundizzjonijiet li japplikaw f'dan l-Istat Membru fid-data tal-adeżjoni tiegħu, tista' tkompli teżenta l-provvista ta' artijiet għall-bini, kemm jekk ikollhom binjiet mibnija fuqhom u kemm jekk le, hekk kif imsemmi fil-punt (j) tal-Artikolu 135(1) u fil-punt (9) tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE, sal-31 ta' Diċembru 2014, mingħajr tiġdid, u t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri, hekk kif imsemmi fil-punt (10) tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE, sakemm l-istess eżenzjoni tiġi applikata fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri l-oħra li kienu membri tal-Unjoni qabel l-adeżjoni tal-Kroazja; dawn it-tranżazzjonijiet iridu jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-bażi tar-riżorsi tal-VAT.
- (2) Il-Kroazja talbet awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014 minħabba li mhijiex f'pożizzjoni li tagħmel il-kalkolu preċiż tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt (9) tal-Parti

B tal-Anness X tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE. Kalkolu bħal dan x'aktarx li jinvolvi piż amministrattiv mhux ġustifikat meta wieħed iqis l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijiet fuq il-bażi totali tal-Kroazja tar-riżorsi proprji tal-VAT. Il-Kroazja hi f'pożizzjoni li tagħmel kalkolu billi tuża estimi approssimattivi għal din il-kategorija ta' tranżazzjonijiet. Għalhekk, il-Kroazja għandha tingħata l-awtorizzazzjoni li tikkalkula l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014 billi tuża l-estimi approssimattivi f'konformità mat-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89.

- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Sabiex tiġi kkkalkolata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kroazja hija awtorizzata li tuża estimi approssimattivi fir-rigward tal-kategoriji segwenti ta' tranżazzjonijiet imsemmija fil-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE:

Il-provvista ta' art għall-bini (il-punt 9).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Janusz LEWANDOWSKI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Diċembru 2013

li tawtorizza lill-Portugall biex juża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2013) 8689)

(It-test bil-Portugiż biss huwa awtentiku)

(2013/749/UE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 377 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud⁽²⁾, il-Portugall jista' jkompli jeżenta t-tranżazzjonijiet elenkati fil-punti (2), (4), (7), (9), (10) u (13) tal-Parti B tal-Anness X, f'konformità mal-kundizzjonijiet li japplikaw f'dan l-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 1989; dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinar tal-bażi tar-riżorsi tal-VAT.
- (2) Il-Portugall talab awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex juża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT minħabba li mhux jipprova li jagħmel il-kalkolu preċiż tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt (10) tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE. Kalkolu b'hal dan x'aktarx li jinvolvi piż amministrattiv mhux ġustifikat meta wieħed iqis l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijiet fuq il-bażi totali tal-Portugall tar-riżorsi proprji tal-VAT. Il-Portugall jinsab f'pożizzjoni li jagħmel kalkolu billi juża estimi approssimattivi għal din il-kategorija ta' tranżazzjonijiet. Għalhekk, il-Portugall għandu jingħata l-awtorizzazzjoni biex jikkalkula l-bażi tar-riżorsi proprji

tal-VAT billi juża estimi approssimattivi f'konformità mat-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89.

- (3) Għall-finijiet ta' trasparenza u ċertezza ġuridika, hu xieraq li jkun hemm limitu ta' żmien għall-applikabilità tal-awtorizzazzjoni.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Sabiex tiġi kkalkolata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2013, il-Portugall huwa awtorizzat li juża estimi approssimattivi fir-rigward tal-kategoriji segwenti ta' tranżazzjonijiet imsemmija fil-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE:

Trasport tal-passiġġieri (il-punt 10).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Janusz LEWANDOWSKI

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.

(2) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-26 ta' Settembru 2013

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2012/27 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2)

(BĊE/2013/37)

(2013/750/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Eurosistema ddeċidiet illi tippromwovi t-twaqqif ta' CoreNet bħala servizz ta' netwerk alternattiv/ta' kontinġenza sabiex jintuża mill-banek ċentrali tal-Eurosistema u mill-banek ċentrali nazzjonali konnessi għall-aċċess għall-Modulu tal-Ħlasijiet tal-pjattaforma komuni unika (SSP) f'sitwazzjoni ta' kontinġenza u bħala kanal alternattiv biex tiġi aċċessata s-sistema ta' servizzi marbutin mal-konsumatur (CRSS — customer-related services system).
- (2) Bħala riżultat, il-Linja Gwida BĊE/2012/27 tal-5 ta' Diċembru 2012, dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) ⁽¹⁾ tenħtieġ li tiġi emendata sabiex jiġu miżjuda dispożizzjonijiet fir-rigward tal-użu ta' CoreNet bħala netwerk alternattiv/ta' kontinġenza għat-TARGET2,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi għal-Linja Gwida BĊE/2012/27

1. Definizzjoni (5) tal-Artikolu 2 tal-Linja Gwida BĊE/2012/27 ser tiġi emendata kif ġej:

“(5) ‘fornitur tas-servizz ta’ netwerk’ tfisser il-fornitur ta’ konnessjonijiet kompjuterizzati man-netwerk għall-finijiet ta’ preżentazzjoni tal-messaġġi ta’ ħlas fit-TARGET2. Konnessjonijiet kompjuterizzati man-netwerk jiġu forniti

permezz tas-SWIFT, u barra minn hekk għall-komunikazzjoni interna tal-Eurosistema, permezz ta’ CoreNet.”;

2. Id-definizzjonijiet (52) u (53) li ġejjin jiġu inseriti fl-Artikolu 2 tal-Linja Gwida BĊE/2012/27:

“(52) ‘CoreNet’ tfisser is-servizz ta’ netwerk intern tal-Eurosistema fornit mill-BĊE u użat mill-BĊ tal-Eurosistema bħala netwerk ta’ kontinġenza għall-aċċess għall-SSP f’każ li s-SWIFT ma jkunx disponibbli u bħala netwerk alternattiv għas-SWIFT għall-aċċess għas-CRSS;

(53) ‘Sistema ta’ servizzi marbutin mal-konsumatur (CRSS)’ tippovdi servizzi ewlenin u fakultattivi lil BĊ tal-Eurosistema, jiġifieri l-arkivjar, il-ħruġ ta’ fatturi għal servizzi fakultattivi, mistoqsijiet dwar u rapportar ta’ servizzi fakultattivi u servizzi fakultattivi relatati mar-relazzjoni mal-konsumatur.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

Din il-Linja Gwida tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Hija tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3

Indirizzati

Din il-Linja Gwida tapplika għall-BĊ kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-26 ta' Settembru 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1.

RETTIFIKA

Rettifika tal-Ħdax il-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-ħtiġiet tal-iżvelar rigward il-friegħi miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpanniji rregolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 395 tat-30 ta' Diċembru 1989)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Volum 01)

Minn paġna 36 tal-Ġurnal Uffiċjali, u minn paġna 100 tal-Edizzjoni Speċjali, fid-Direttiva kollha, inkluż it-titolu, kull fejn tinsab il-kelma "friegħi":

minflok: "friegħi",

aqra: "fergħat".

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

